32002Q0209(01)

TRADUZZJONI

IR-REGOLAMENTI TAL-PERSUNAL TA' L-ISTITUT TA' L-UNJONI EWROPEA GĦAL STUDJI FUQ SIGURTÀ [1]

[1] Adottat mill-Kunsill bil-proċedura miktuba fil-21 ta' Diċembru 2001, skond l-artikolu 8 ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill Nru 554/PESK ta' l-20 ta' Lulju 2001 (ĠU L 200, tal-25.7.2001, p.1).

PREAMBOLU

Artikolu 1

TITOLU 1 - DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 2 - Disposizzjonijiet applikabbli għall-membri kollha tal-Persunal

Awtorità
Dikjarazzjoni
Imġieba
Responsabbiltà finanzjarja
Sigurtà

TITOLU II - STATUS TAL-MEMBRI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU 1 - DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3 - Disposizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-membri tal-Persunal

Privileġġi u immunitajiet
Għajnuna u kumpens
Drittijiet ta' proprjetà
Attivitajiet esterni
Kandidatura għal kariga pubblika jew politika

KAPITOLUII - REKLUTAĠĠ U KUNTRATTI

Artikolu 4 - Reklutaġġ

Artikolu 5 - Limitu ta' età għall-impieg

Artikolu 6 - Eżamijiet mediċi

Artikolu 7 - Kuntratt u tul ta' kuntratti

Kuntratti tal-bidu
Perjodu bi prova
Tmiem tal-kuntratti
Kumpens għat-telf ta' l-impieg
Avviż malajr ta' tmiem ta' l-impieg
Disposizzjonijiet speċjali rigward *research fellows*

KAPITOLU III - SALARJI U ALLOWANCES

Artikolu 8 - Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 9 - Salarju bażiku

Artikolu 10 - *Allowance* ta' barra l-pajjiż

Artikolu 11 - *Allowances* tal-familja u soċjali

Allowance għad-dar
Allowance għat-tfal u dipendenti oħra
Allowance għall-edukazzjoni
Allowance għal tfal u dipendenti oħra b'diżabilità
Allowance għall-kera

Artikolu 12 - *Allowance* għal dmirijiet *extra*

Artikolu 13 - *Allowance* ta' meta jmorru fil-post

Artikolu 14 - Tnaqqis

Taxxa interna
Kontribuzzjonijiet għal skemi ta' pensjoni
Kontribuzzjonijiet ta' sigurtà soċjali
Kontribuzzjonijiet għal skemi ta' assigurazzjoni supplimentari

Artikolu 15 - Salarju bil-quddiem u ħlas lura

IL-KAPITOLU IV - SPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR

Artikolu 16 - Bidu u tluq

Artikolu 17 - Spejjeż ta' ġarr

Artikolu 18 - Ivvjaġġar fuq servizz

KAPITOLU V - ORGANIZZAZZJONI INTERNA

Artikolu 19 - Sigħat ta' xogħol

Artikolu 20 - Btajjel pubbliċi

Artikolu 21 - *Leave*

Artikolu 22 - *Leave* id-dar

KAPITOLU VI - RAPPORTI U PROMOZZJONI

Artikolu 23 - Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 24 - Proċedura

Artikolu 25 - Azzjoni li ssegwi rapporti

KAPITOLU VII - PROĊEDURA TA' DIXXIPLINA

Artikolu 26 - Tifsir

Artikolu 27 - Kumpens għal ħsara

Artikolu 28 - Notifika ta' ilmenti

Artikolu 29 - Bord ta' dixxiplina

KAPITOLU VIII - APPELLI U BORD TA' L-APPELL

Artikolu 30 - Appelli

KAPITOLU IX - SKEMA TAL-PENSJONI

Artikolu 31 - *Allowance* tat-tluq

Artikolu 32 - Pensjoni ta' meta wieħed jirtira

Artikolu 33 - Pensjoni ta' invalidità

Artikolu 34 - Pensjoni ta' min jibqa' ħaj

Artikolu 35 - Pensjoni għall-orfni jew dipendenti

Artikolu 36 - Pensjonijiet proviżorji

TITOLU III - DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL PERSUNAL TEMPORANJU

Artikolu 37 - Disposizzjonijiet statutorji

Artikolu 38 - Kuntratti

Artikolu 39 - Remunerazzjoni

Artikolu 40 - Disposizzjonijiet speċjali

TITOLU IV - DISPOŻIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL ESPERTI LI JITĦALLSU, DETENTURI TA' GĦOTJIET GĦAL RIĊERKA U TRAINEES

Artikolu 41 - Disposizzjonijiet statutorji u ffinanzjarji

ANNESS I Garanzija għat-telf ta' l-impieg

ANNESS II *Allowance* għal barra l-pajjiż

ANNESS III Tfal u dipendenti oħra

ANNESS IV Dipendenti b'diżabilità

ANNESS V *Allowance* tal-kera

ANNESS VI Spejjeż ta' l-ivvjaġġar u ġarr

ANNESS VII Spejjeż għal servizz uffiċjali

ANNESS VIII *Leave* tal-mard, *leave* tal-maternità u *leave* speċjali ieħor

ANNESS IX Bordijiet għal Kumpens u proċeduri ta' dixxiplina

ANNESS X Bord ta' l-Appell

PREAMBOLU

L-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà hija aġenzija ta' l-Unjoni Ewropea, u hija affiljata ma' l-Organizzazzjonijiet Kordinati.

Artikolu 1

Dawn ir-Regolamenti jiddefinixxu l-istatus, drittijiet, dmirijiet u responsabbiltajiet tal-membri tal-Persunal ta' l-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Istitut".

Il-persunal ta' l-Istitut għandu jikkonsisti minn ċittadini naturalizzati li jkollhom kuntratt bħala membri tal-Persunal jew *persunal* temporanju. Esperti mħallsa, detenturi ta' għotjiet għal riċerka u *trainees* huma bla ħsara għad-disposizzjonijiet speċifiċi elenkati fit-Titolu IV.

Id-Direttur ta' l-Istitut huwa awtorizzat biex jagħmel dawk l-emendi għal dawn ir-Regolamenti fejn juru li jkunu meħtieġa, bil-kunsens tal-Bord.

Dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw għall-membri kollha tal-Persunal, eskluži fejn il-Bord ikun ħa deċiżjonijiet kuntrarji rigward persunal *hors grade*.

TITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 2

Disposizzjonijiet applikabbli għall-membri kollha tal-Persunal

1. Awtorità

Membri tal-Persunal għandhom ikunu soġġetti għall-awtorità tad-Direttur u jwieġbu lilu għat-twettiq ta' dmirijiethom, li huma għandhom jassumu biex iwettqu skrupolosament u konxjentosament kemm hu possibbli.

2. Dikjarazzjoni

Meta jaċċettaw l-ingaġġ ma' l-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà kull membru tal-Persunal għandu jiffirma d-dikjarazzjoni li ġejja:

> "Jiena solennement naċċetta li neżerċita bil-lealtà, diskrezzjoni u kuxjenza kollha l-funzjonijiet afdati lili bħala membru tal-Persunal ta' l-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà, u li nwettaq dawn il-funzjonijiet bl-interessi ta' l-Istitut biss bħala skop. B'żieda ma' dan jiena naċċetta li ma nfittixx jew li ma naċċettax ordnijiet rigward it-twettiq ta' dmirijieti minghand l-ebda gvern jew minghand l-ebda awtorità ghajr l-Istitut."

3. Imġiba

Membri tal-persunal għandhom dejjem iġibu ruħhom b'mod kompatibbli ma' l-istatus tagħhom bħala rappreżentanti ta' l-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà. Huma ghandhom jastjenu minn kull azzjoni jew attività li jistghu b'xi mod idgħajfu d-dinjità tal-pożizzjoni tagħhom jew l-isem tajjeb ta' l-Istitut.

4. Responsabbiltà finanzjarja

Membri tal-persunal jistgħu jkunu meħtieġa li jħallsu lura 'l-Istitut, jew parzjalment jew interament, kull telf soffert minnu minħabba n-negligenza tagħhom, jew ghaliex ikunu deliberatament kisru kull regolament jew proċedura approvati mill-Bord jew mid-Direttur.

5. Sigurtà

Membri tal-persunal ghandhom, ma' l-ingaġġ, jiffamiljarizzaw irwieħhom mar-regolamenti tas-sigurtà ta' l-Istitut. Huma ghandhom jiffirmaw dikjarazzjoni li biha jirrikonoxxu r-responsabbiltà dixxiplinarja u finanzjarja tagħhom fil-każ li ma jkunux konformi ma' dawn ir-regolamenti.

(a) Il-membri kollha tal-persunal, inkluż ill-persunal temporanju, detenturi ta' ghotjiet ghal riċerka u *trainees*, jistghu jkunu meħtieġa li jkollhom permess ta' sigurtà li jagħtihom fakoltà li jaraw dokumenti klassifikati waqt il-qadi ta' dmirijiethom. Talba ghal dan il-permess ghandha tkun indirizzata lill-awtoritajiet kompetenti mill-Uffiċjal tas-Sigurtà ta' l-Istitut. Sakemm jingħata permess ufiċjali, permess temporanju jista' jingħata mid-Direttur.

(b) Membri tal-persunal ghandhom jgħarrfu lill-Uffiċjal tas-Sigurtà minnufih fil-każ ta' telf jew ghotja ta' dokument klassifikat.

TITOLU II

L-ISTATUS TA' MEMBRI TAL-PERSUNAL

KAPITOLU I

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 3

Disposizzjonijiet ġenerali applikabbli għall-membri tal-persunal

Membri tal-persunal ta' l-Istitut ikunu ċittadini naturalizzati li jkollhom kuntratt kif imfisser fil-Kapitolu II, u jkunu jokkupaw postijiet tal-budget elenkati fit-tabella tal-persunal annessa kull sena mal-*budget* ta' l-Istitut.

1. Privileġġi u immunitajiet

Il-privileġġi u immunitajiet mogħtija lill-membri tal-persunal jingħataw fl-interess ta' l-Istitut ta' l-Unjoni Ewropea għal Studji fuq Sigurtà u mhux għal konvenjenza personali tagħhom. M'għandhomx jintużaw biex jiskansaw obbligi privati, jew bħala skuża għal nuqqas biex jobdu l-liġijiet jew regolamenti tal-pulizija fl-Istat fejn ikunu.

F'kull inċident fejn dawn il-privileġġi u immunitajiet ikunu involuti, il-membru tal-persunal relatat għandu minnufih jirrapporta l-inċident lid-Direttur. Fl-eventwalità ta' ksur ta' leġislazzjoni lokali, id-Direttur jista' jiddeċiedi li jneħħi l-privileġġi u immunitajiet jekk jaħseb li dan ikun meħtieġ.

2. Għajnuna u kumpens

L-Istitut għandu jipprovdi għajnuna lill-membri tal-persunal li, minħabba l-ħatra jew dmirijiet preżenti tagħhom fl-Istitut, u minħabba l-ebda tort tagħhom, ikunu soġġetti għal minaċċi, insulti, malafama jew attakk. Jista' jingħata kumpens għal kull ħsara materjali mġarrba kemm-il darba:

— il-membri tal-persunal ma jkunux għamlu l-ħsara fil-kwistjoni konsapevolment jew minħabba negligenza;

— ma jkun inkiseb l-ebda rimedju;

— membri tal-persunal idawru fuq l-Istitut kull pretensjoni li jista' jkollhom kontra partijiet terzi, partikolarment kumpanniji ta' assigurazzjoni.

Id-deċiżjonijiet kollha f'dil-kwistjoni li jistgħu jinvolvu azzjoni jew ħlas mill-Istitut għandhom jittieħdu mid-Direttur, li għandu s-setgħa fid-diskrezzjoni tiegħu biex jistma ċ-ċirkustanzi tal-każ, x'forma ta' għajnuna għandu jieħu u liema kumpens, jekk ikun il-każ, għandu jingħata.

3. Drittijiet ta' proprjetà

Id-drittijiet kollha, inkluż it-titolu, dritt ta' l-awtur u drittijiet ta' privattivi, f'kull ħidma mwettqa minn membru tal-persunal fit-twettiq ta' dmirijietu, għandhom ikunu ta' l-Istitut.

4. Attivitajiet esterni

(a) *Ġenerali*

Rigward organizzazzjonijiet u persuni barranin, membri tal-persunal għandhom jiksbu approvazzjoni minn qabel mid-Direttur jekk jixtiequ li:

— jagħmlu xi dikjarazzjoni pubblika, partikolarment li kull korp ta' informazzjoni pubblika, li jirrigwarda l-attivitajiet ta' l-Istitut;

— jagħtu *lectures* jew jidħlu għal attivitajiet ta' tagħlim direttament relatati max-xogħol tagħhom fl-Istitut;

— jaċċettaw ħlasijiet jew remunerazzjoni għal dawn il-*lectures* jew attivitajiet ta' tagħlim;

— jaċċettaw dekorazzjonijiet jew unuri, jew kull vantaġġ materjali assoċjat ma' dawn.

(b) *Il-qagħda speċjali ta' research fellows*

Id-dmirijiet ta' *research fellows* jinkludu l-iffissar ta' relazzjonijiet ma' korpi u persuni barranin għall-Istitut. *Research fellows* għandhom għalhekk ikunu awtorizzati li jagħtu *lectures*, jirrelataw mal-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, basta li l-ewwel jiksbu l-approvazzjoni tad-Direttur.

5. Kandidatura għal kariga pubblika jew politika

Membri tal-persunal li għal raġunijiet personali jixtiequ joħorġu għal kariga pubblika jew politika għandhom jgħarrfu lid-Direttur b'dik l-intenzjoni.

Kull membru tal-persunal li joħroġ għal kariga pubblika jew politika jingħata *leave* minghajr ħlas li jibda mid-data li jiddikjara li jkun se jibda l-kampanja elettorali tiegħu.

Jekk ikun elett, il-membru tal-persunal għandu jitlob it-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu. Din it-terminazzjoni m'għandha ġġib magħha ebda dritt għal ħlas ta' telf ta' impjieg.

Jekk ma jaċċettax il-kariga pubblika jew politika, il-membru tal-persunal għandu jkun intitolat biex ikompli bil-ħatra tiegħu bl-istess salarju u anzjanità li jkun ibbenefika minnha dak iż-żmien.

Iż-żmien li jkun għadda bħala *leave* bla ħlas mgħandux jgħodd għall-anzjanità jew għad-drittijiet ta' pensjoni. Matul il-*leave* bla ħlas tiegħu l-membru tal-persunal jista' jinbidel b'persunal temporanju.

KAPITOLU II

REKLUTAĠĠ U KUNTRATTI

Artikolu 4

Reklutaġġ

1. Offerti għal impieg għandhom isiru mid-Direttur, eskluż il-post ta' Direttur. L-Istitut ikun responsabbli mill-pubblikazzjonita' postijiet vakanti.

2. Kandidati taħt l-20 jew fuq is-60 sena normalment ma jiġux ikkunsidrati għall-ingaġġ.

3. Kandidati relatati mill-qrib b'konsangwinità jew bi żwieġ ma' membru tal-persunal normalment ma jintgħażlux għall-ingaġġ. Eċċezzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati mid-Direttur, kemm-il darba l-ebda waħda mill-persuni involuti ma sservi f'kariga taħt dik ta' l-oħra.

4. Ir-reklutaġġ ta' membri tal-persunal għandu jkun limitat għal ċittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Membri tal-persunal għandhom ikunu ingaġġati fl-anqas grad tal-post li għalih ikunu ntgħażlu. Madankollu, id-Direttur jista' jippermetti skala ogħla fejn dan ikun ġustifikat.

6. Id-Direttur għandu jistabbilixxi liema postijiet għandhom jimtlew b'eżami jew kompetizzjoni, u għandu jistipola t-testijiet għall-ingaġġ li kandidati għal dawn il-postijiet ikunu meħtieġa li jgħaddu minnhom. Bordijiet ta' l-eżami jew ta' għażla għandhom jintgħażlu mid-Direttur minn fost ill-persunal ta' l-Istitut, li magħhom jista' jżid eżaminatur barrani.

7. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar u akkomodazzjoni tal-kandidati mistiedna mill-Istitut għal intervista jew eżami għandhom jitħallsu bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għall-membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq servizz [1].

Artikolu 5

Limitu ta' l-età għall-impieg

Il-limitu ta' l-età għall-impieg tkun stabbilita fit-tmiem tax-xahar li fih il-membru tal-persunal jilħaq l-età ta' 65. Id-Direttur jista' jawtorizza estensjonijiet sa massimu ta' 12-il xahar ieħor.

Artikolu 6

Eżamijiet mediċi

1. Engaġġ ta' membri tal-persunal għandhom ikunu soġġetti għal dikjarazzjoni minn tabib approvat mill-Istitut li jiċċertifika li l-kandidat ikun fiżikamenti adatt għall-impieg, u li jkun ħieles minn kull diżabilità jew mard li jkun jippreżenta riskju għal membri oħra tal-persunal.

2. Membri tal-persunal jkunu meħtieġa li jagħmlu eżami mediku kull sena.

3. It-tabib approvat mill-Istitut għandu jipprovdi parir professjonali lid-Direttur fuq kull membru tal-persunal li ma jkunx adatt biex ikompli jokkupa l-post tiegħu.

4. Jekk ir-riżultati ta' l-eżami kull sena jew kull eżami mediku ieħor juru li membru tal-persunal ma jkunux aktar kapaċi jaqdi dmirijietu, il-kuntratt tiegħu jista' jintemm fi żmien tliet xhur u l-bord mediku għandu jiltaqa' biex jistabbilixxi għal xiex ikun intitolat.

[1] Ara l-Anness VII.

Artikolu 7

Kuntratti u tul ta' kuntratti

1. Kuntratti tal-bidu

Apparti minn disposizzjonijiet speċifiċi applikabbli għad-Direttur u *research fellows*, kuntratti tal-bidu mogħtija mill-Istitut għandhom ikunu għal tliet snin. Dawn il-kuntratti jistgħu jiġġeddu mid-Direttur għall-istess perjodu jew perijodi iqsar, bi ftehim mal-membru tal-persunal.

2. Perijodu bi prova

L-ewwel sitt xhur tal-kuntratti tal-bidu għandhom ikunu perijodu bi prova fid-data tad-dħul fis-servizz.

Matul dak il-perjodu, kuntratt jista' jintemm, mingħajr ebda dritt għal ħlas ta' telf ta' l-impieg, b'avviż ta' xahar mogħti mill-Istitut jew membru tal-persunal.

Fi tmiem tal-perjodu bi prova, jew qabel, il-membru tal-persunal għandu jirċievi avviż bil-miktub li l-kuntratt tiegħu huwa kkonfermat jew mitmum.

Il-perjodu bi prova għandu jagħmel parti integrali mill-perjodu tal-kuntratt tal-bidu. Għandu jkun jgħodd għad-drittijiet ta' l-anzjanità u l-pensjoni.

3. Terminazzjoni ta' kuntratti

Fis-sitwazzjonijiet li hemm ipprovdut dwarhom fl-Anness I, kuntratti jistgħu jintemmu jew ma jiġux imġedda mill-Istitut jew mill-membru tal-persunal innifsu:

(a) *mill-Istitut,*

(i) b'avviż ta' sitt xhur:

— bħala riżultat tat-trażżin tal-baġit tal-post okkupat mill-membru tal-persunal,

— permezz ta' bidla fin-natura jew funzjonijiet tal-post,

— minħabba insuffiċjenza professjonali tal-membru tal-persunal, irreġistrata kif imiss f'żewġ rapporti annwali suċċessivi, jew

— permezz ta' nuqqas ta' adattament fiżiku tal-membru tal-persunal li jkun ġara waqt is-servizz tiegħu.

(ii) b'avviż ta' massimu ta' xahar, wara kull proċedura dixxiplinarja li jkunu stabbilew imġiba ħażina jew responsabbilta tal-membru tal-persunal kif imfisser fil-Kapitolu VI.

(b) minn membru tal-persunal, b'avviż ta' tliet xhur, għal kull raġuni personali li ma jkunx meħtieġ li jiddikjara.

4. Kumpens għat-telf ta' impieg

Għal raġunijiet oħra barra dawk dixxiplinarji, it-terminazzjoni jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt mill-Istitut għandu jimplika:

1. għal membri tal-persunal b'aktar minn 10 snin servizz, l-iffissar ta' drittijiet diferiti tal-pensjoni, akkumpanjati mal-ħlas ta' garanzija tat-telf ta' l-impieg skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness I;

2. għal membri tal-persunal b'anqas minn 10 snin servizz, il-ħlas ta' *allowance* tat-tluq, b'garanzija tat-telf ta' l-impieg għal membri tal-persunal li l-kuntratti tagħhom ikunu ntemmu qabel iż-żmien, skond il-kondizzjonijiet stipulati fl-Anness I;

3. għal membri tal-persunal li l-kuntratti tagħhom ikunu ġew terminati għal raġunijiet ta' nuqqas ta' adattament fiżiku u li l-invalidita permanenti tagħhom tkun ġeit stabbilita minn bord mediku apposta, l-ġhoti ta' invalidita skond il-kondizzjonijiet stipulati fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Pensjoni.

It-terminazzjoni jew in-nuqqas ta' tiġdid ta' kuntratt minn membru tal-persunal m'ġhandux jinttolah ġhal granzija ta' telf ta' l-impieg [1].

5. Avviż imnaqqas ta' terminazzjoni

Jekk l-interessi tas-servizz jinħtieġu hekk, il-perjodu ta' aviż stipulat fil-paragrafu 3(a) jista' jitnaqqas; f'dak il-każ il-membru tal-persunal relatat ġhandu jkun intitolat ġhall-ħlas ta' ammont addizzjonali li jirrapreżenta s-salarju u *allowances* li hu jkun jirċievi jekk id-data attwali ta' l-iskadenza tal-kuntratt tiegħu tkun ħabtet ma' t-terminazzjoni ta' perjodu ta' sitt xhur ta' avviż.

Dawn id-disposizzjonijiet mġhandhomx japplikaw fil-każ ta' terminazzjoni ġhal raġunijiet dixxiplinarji.

6. Disposizzjonijiet speċjali dwar *research fellows*

Ir-research fellows ta' l-Istitut ġhandu jkollhom kuntratti ta' tliet snin, li ma jerġġhux jiġġeddu. Id-Direttur jista', madankollu, jagħti estensjoni waħda jew aktar sa total li ma jaqbiżx l-24 xahar.

KAPITOLU III

SALARJI U *ALLOWANCES*

Artikolu 8

Disposizzjonijiet ġenerali

Ir-remunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-persunal ta' l-Istitut ġhandha tinkludi salarju bażiku, *allowance* ta' barra l-pajjiż, u *allowances* tal-familja u soċjali.

Dawn l-ġhotjiet ġhandhom jitnaqqsu bil-kontribuzzjonijiet u tnaqqis rigward taxxa interna, l-iskema tal-pensjoni u l-*welfare* soċjali.

Kontijiet kurrenti ta' membri tal-persunal ġhandhom ikunu kreditati bl-ammont dovut matul l-aħħar ġimgħa tax-xogħol tax-xahar.

Bdil fiċ-ċirkustanzi personali ta' membri tal-persunal li jista' jkollhom konsegwenzi finanzjarji ġhandhom jiġu kkunsidrati ġha-remunerazzjoni tax-xahar li matulu l-bidliet jiġu rraportati lit-taqsima amministrattiva ta' l-Istitut; bidliet fir-remunerazzjoni diġà mħallsa jistgħu ma jitħallsux.

[1] Rigward il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt ġhal u kalkolu tal-garanzija tat-telf ta' l-impieg, ara l-Anness I.

Artikolu 9

Salarju bażiku

Salarju bażiku nett ġhandu jkun l-ammont muri ġhall-grad u pass ta' membru tal-persunal fl-iskali approvati kull sena mill-Bord.

Salarju bażiku gross ġhandu jikkorrispondi mas-salarju bażiku nett flimkien mat-taxxa interna dovuta mill-membru tal-persunal.

Artikolu 10

***Allowance* ta' barra l-barra l-pajjiż**

Din l-*allowance* ġhandha titħallas lill-membri tal-persunal fil-gradi A, L u B li, miż-żmien ta' l-ewwel ħatra tagħhom, ma jkunux ċittadini ta' dak l-Istat li fit-territorju tiegħu il-post permanenti ta' dmir ikun allokat u li ma kienx residenti kontinwu fit-territorju ta' dak l-Istat ġhal tliet snin.

Din l-*allowance* ġhandha tieqaf li titħallas jekk membru tal-persunal ikun trasferut ġhal dak il-pajjiż li tiegħu jkun ċittadin.

L-ammont ta' l-*allowance* ġhandu jiġi kkalkolat skond l-Anness II.

Fejn membru tal-persunal jinħatar mill-Istitut minnufih wara li jkun ġie impjegat fil-pajjiż fejn ikun iwettaq dmirijietu minn organizzazzjoni jew amministrazzjoni internazzjonali oħra, snin ta' servizz mal-prinċipal preċedenti tiegħu ġhandu jiġi kkunsidrat meta jiġi kkalkolat id-dritt ġhall-*allowance* u l-ammont tagħha.

Artikolu 11

***Allowances* tal-familja u soċjali**

Dawn l-*allowances* ġhandhom jingħaddu mas-salarju bażiku ta' kull xahar.

1. *Allowance* domestika

Din l-*allowance*:

(a) ġhandha titħallas lil kull membru tal-persunal li jkun miżżewweġ, armel, divorzjat, separat legalment jew mhux miżżewweġ u jkollu ta' l-anqas dipendenti wieħed skond it-tifsira ta' l-Anness III ta' dawn ir-Regolamenti;

(b) ġhandu jkun ekwivalenti ġhal 6 % tas-salarju bażiku nett;

(ċ) fil-każ ta' membru tal-persunal miżżewweġ li ma jkollux dipendenti iżda li jkollu l-konjugi tiegħu impjegat bi qligħ, l-*allowance* li titħallas ġhandha tkun id-differenza bejn is-salarju bażiku nett ġhal grad B3 skala 1 flimkien ma' l-*allowance* li ġhalih il-membru tal-persunal ikun intitolat teoretikament, u l-*income* li jkun qala' l-konjugi. Jekk ammont ta' wara jkun daqs jew aktar minn dak ta' l-ewwel, l-ebda *allowance* ma titħallas;

(d) ma titħallasx lil membru tal-persunal li l-konjugi tiegħu jkun membru ta' organizzazzjoni internazzjonali u jkollu/salarju bażiku ogħla mill-membru tal-persunal.

2. *Allowance* tat-tfal u dipendenti oħra

Din l-*allowance*:

(a) għandha titħallas lill-membri tal-persunal li prinċipalment u kontinwament imantnu jew tifel legalment rikonoxxut jew membru ieħor tal-familja tagħhom bis-saħħa ta' obbligu legali jew ġudizzjarju, jew tifel li jkun tilef iż-żewġ ġenituri u li għalih ikunu assumew responsabbiltà;

(b) għandu jkun ammont fiss għal kull persuna dipendenti, stipulat kull sena fl-iskali approvati mill-Bord;

(ċ) fejn it-tnejn miżżewġin jaħdmu għal organizzazzjonijiet internazzjonali, għandha titħallas lil min minnhom jirċievi l-*allowance* domestika jew ekwivalenti.

Tifsiriet u kondizzjonijiet li bihom din l-*allowance* tingħata huma stipulati fl-Anness III.

3. *Allowance* għall-edukazzjoni

Membri tal-persunal li huma intitolati għall-*allowance* domestika, u li t-tfal dipendenti tagħhom, kif imfisser fl-Anness III, qegħdin jirċievu edukazzjoni primarja, sekondarja jew ogħla *full-time* [1] għandhom ikunu intitolati għal *allowance* għall-edukazzjoni annwali. L-*allowance* għandha tkun ugwali għal darbtejn l-ammont ta' l-*allowance* tat-tifel dipendenti, u għandha titħallas għal kull tifel f'somma waħda fil-bidu tas-sena skolastika. Il-membru tal-persunal relatat għandu jipprovdi lit-taqsima amministrattiva x-xhieda sostantiva kollha fil-bidu tas-sena skolastika.

4. *Allowance* għal tfal u dipendenti oħra b'diżabilità

(a) *Allowance* għal tfal jew dipendenti b'diżabilità għandha titħallas lill-membri tal-persunal li jkunu primarjament u kontinwament risponsabbli għal kura tagħhom. It-tifel jew dipendenti għandu jissodisfa l-kriterji u kondizzjonijiet stipulati fl-Anness III.

(b) Id-dettalji ta' allokazzjoni u ħlas ta' l-*allowance* huma mogħtija fl-Anness IV.

5. *Allowance* tal-kera

(a) Din l-*allowance* għandha titħallas kull xahar lill-membri tal-persunal fil-gradi B, Ċ, A1 u L1 li huma inkwilini jew sotto-inkwilini ta' akkomodazzjoni u li jħallsu kera - eskluži l-ħlasijiet ta' servizz ikkunsidrati li jkunu r-responsabbiltà ta' l-inkwilin fil-pajjiż ta' residenza - li taqbeż proporzjon speċifikat tal-ħlasijiet tagħhom.

(b) Il-metodu tal-kalkolu ta' l-*allowance* huwa stipulat fl-Anness V.

(ċ) Membri tal-persunal li jirċievu *allowance* tal-kera għandhom jgħarrfu lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-Persunal minnufih b'kull bidla fiċ-ċirkustanzi tagħhom li tista' taffettwa l-eliġibilità tagħhom għall-*allowance*.

(d) L-*allowance* mgħandhiex titħallas lill-membri tal-persunal:

— li jirċievu benefiċċju simili mill-awtoritajiet ta' l-Istat li tiegħu huma ċittadini;

— li l-konjugi tagħhom jirċievi *allowance* simili minn organizzazzjoni internazzjonali oħra.

Artikolu 12

Allowance għal dmirijiet addizzjonali

Allowance għal dmirijiet addizzjonali tista' tingħata mid-Direttur lill-membri tal-persunal li jkunu meħtieġa, fl-interessi tas-servizz, li jassumu temporanjament parti jew kollha mir-responsabbiltajiet ta' membru tal-persunal fi grad ogħla. L-*allowance* għandha titħallas fuq il-bażi tar-remunerazzjoni ta' żewġ skali addizzjonali fil-grad ta' membru tal-persunal u għandha tidħol fis-seħħ biss wara servizz kontinwu ta' xahar f'post ta' grad ogħla.

Artikolu 13

Allowance ta' meta jidħol fil-post

1. *Allowance* tal-post fejn jidħlu għandha titħallas lill-membri tal-persunal li l-post ta' residenza tagħhom kien ta' aktar minn 100 kilometru jew 60 mil bogħod mill-post ta' servizz fiż-żmien meta aċċettaw l-impieg ma' l-Istitut.

2. L-ammont għall-*allowance* għandu jkun ta' 30 jum tas-salarju bażiku.

3. L-*allowance* ta' meta jidħol għandha titħallas lill-membru tal-persunal meta jassumi dmirijietu fl-Istitut.

4. Membri tal-persunal ikunu meħtieġa li jħallsu lura nofs l-*allowance* ta' meta jidħlu jekk jitilqu mill-hatra tagħhom minn jeddhom qabel ikunu għaddew sentejn.

5. Id-Direttur jista' jawtorizza eċċezzjoni għad-disposizzjonijiet li jirregolaw il-ħlas lura meta l-applikazzjoni stretta tagħhom tista' tikkawża tbatija speċjali.

Artikolu 14

Tnaqqis

1. Taxxa interna

Taxxa interna għandha tammonta għal 40 % tas-salarju bażiku fi grad jew skala miftehma. Din is-somma għandha tiżdied mas-salarju bażiku nett biex tagħti s-salarju bażiku gross. Din is-somma għandha tintwera bħala tnaqqis fix-xahar fuq il-karti tal-paga.

2. Kontribuzzjonijiet għall-Iskema tal-pensjoni

Tnaqqis fix-xahar ta' 8.3 % tas-salarju bażiku nett għandu jsir mill-ħlas tal-membri tal-persunal u jitqiegħed fil-*budget* tal-pensjonijiet ta' l-Istitut.

[1] i.e. eskluża l-iskola tan-nuna jew ekwivalenti.

3. Kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali

Tnaqqis fix-xahar rigward is-sigurtà soċjali, ekwivalenti għal 5.5 % tas-salarju bażiku nett, għandu jittieħed mill-ħlasijiet tal-membri tal-persunal. Dan l-ammont għandu jiżdied mal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem u jitħallas lill-korp tas-sigurtà soċjali lokali responsabbli biex jirkupra dawn il-kontribuzzjoniet. (URSSAF).

4. Kontribuzzjonijiet għal skema supplimentari ta' assigurazzjoni

Għandu jsir tnaqqis kull xahar rigward l-assigurazzjoni supplimentari mill-ħlas lill-membri tal-persunal. Il-perċentwali għandu jiġi stabbilit fil-bidu tas-sena għat-tnax-il xahar ta' wara bi ftehim bejn l-Istitut u l-kumpannija ta' l-assigurazzjoni li topera l-iskema. L-ammont imnaqqas għandu jiżdied mal-kontribuzzjoni ta' min iħaddem u jitħallas fi tmiem is-sena lill-kumpannija li tkun tipprovdi l-assigurazzjoni.

Artikolu 15

Ħlas bil-quddiem tas-salarju u ħlas lura

1. Kemm-il darba ma jiġix stabbilit mod ieħor mid-Direttur, il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-Persunal ta' l-Istitut jista', jiddependi fuq ir-riżorsi tal-flus disponibbli, jawtorizza ħlas bil-quddiem mingħajr imgħaxx lill-membri tal-persunal li jkunu jistgħu jiġġustifikaw din il-ħtieġa.

2. L-ammont ta' dan il-ħlas bil-quddiem mgħandux ikun aktar mis-salarju bażiku nett ta' tliet xhur.

3. Dan il-ħlas bil-quddiem għandu jitħallas lura bi tnaqqis kull xahar mill-ħlas tal-membri tal-persunal; ħlas lura tal-ħlas bil-quddiem għandu jkun lest meta jitħallsu s-salarji għall-aħħar xahar tas-sena finanzjarja.

KAPITOLU IV

SPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR

Artikolu 16

Dħul fil-post u tluq

1. Membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għall-vjaġġ mill-post preċedenti tas-servizz tagħhom għal-lokalità ta' l-Istitut, rigward lilhom infushom u membri tal-familji tagħhom li joqogħdu magħhom.

2. L-istess għandu jgħodd meta membri tal-persunal jitilqu mis-servizzi ta' l-Istitut u jirritornaw fil-pajjiż fejn ikunu allokati qabel ma ssieħbu ma' l-Istitut.

3. Ħlas lura għandu jsir skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness VI, Taqsima I.

Artikolu 17

Spejjeż ta' ġarr

1. Membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż tal-ġarr mill-post preċedenti tagħhom ta' servizz għal-lokalità ta' l-Istitut.

L-istess dritt għandu jgħodd meta membri tal-persunal jitilqu mis-servizz ta' l-Istitut u jmorru lura fil-pajjiż fejn ikunu fil-post qabel ma ssieħbu ma' l-Istitut.

2. Ħlas lura ta' l-ispejjeż għandu jkopri l-ġarr ta' oġġetti personali tad-dar tal-membri tal-persunal, eskluži vetturi bil-mutur, dgħajjes u forom oħra ta' trasport, jew *premiums* ta' assigurazzjoni, sal-limiti, f'piż u volum, stipulati fl-Anness VI.

Il-ħlas lura għandu jsir lill-membru tal-persunal relatati, wara li jippreżenta kont iċċertifikat mill-membru tal-persunal.

Artikolu 18

Ivvjaġġar fuq servizz

Membri tal-persunal ta' l-Istitut għandhom ikunu intitolati għal ħlas lura ta' l-ispejjeż li jintefqu rigward l-ivvjaġġar fuq servizz uffiċjali ordnat mid-Direttur ([1]).

Ħlas lura għandu jirrigwarda spejjeż ta' l-ivvjaġġar flimkien ma' l-akkomodazzjoni u spejjeż relevanti fil-postijiet li fihom jintbagħtu l-membri tal-persunal. Il-kondizzjonijiet, rati u dettalji oħra ta' ħlas lura jkunu kif stipulati fl-Anness VII.

KAPITOLU V

ORGANIZZAZZJONI INTERNA

Artikolu 19

Sigħat ta' xogħol

Is-sigħat normali ta' xogħol għal membri tal-persunal għandhom ikunu 40 siegħa fil-ġimgħa, li għandhom jitlestew bejn id-9.00 a.m. tat-Tnejn u l-5.00 p.m. tal-Ġimgħa.

Sigħat ta' xogħol flessibbli jistgħu jiftehmu fuqhom mad-Direttur skond iċ-ċirkostanzi personali tal-membri tal-persunal jew l-esiġenzi tax-xogħol partikolari tagħhom.

Jekk ċirkustanzi eċċezzjonali, stabbiliti fid-diskrezzjoni tad-Direttur, jeħtieġu hekk, xi membri tal-persunal jistgħu jkunu meħtieġa li jaħdmu s-Sibt. F'dawn il-każi, is-sigħat maħduma jagħtu dritt għal *time off* ekwivalenti f'ġurnata matul il-ġimgħa.

Artikolu 20

Btajjel pubbliċi

Btajjel pubbliċi fl-Istat fejn ikunu joqogħdu għandhom jiġu osservati mill-Istitut. Fil-każ ta' Franza, dawn il-jiem huma:

(a) L-Ewwel tas-Sena (l-1 ta' Jannar)

(b) It-Tnejn l-għada ta' l-Għid

(ċ) Jum il-Ħaddiem (l-1 ta' Mejju)

(d) Jum ir-Rebħa (it-8 ta' Mejju)

(e) Lapsi

([1]) Dan il-ħlas lura jirrapreżenta l-ispejjeż, u mgħandux jitqies bħala remunerazzjoni addizzjonali.

(f) Whit Monday

(g) Jum il-Bastilja (14 Lulju)

(h) Santa Marija (il-15 ta' Awissu)

(i) Il-Qaddisin Kollha (l-1 ta' Novembru)

(j) Jum l-Armistizju (il-11 ta' Novembru)

(k) Jum il-Milied (il-25 ta' Diċembru)

Dawn il-btajjel pubbliċi mgħandhomx jitnaqqsu mid-dritt għal-*leave* ta' kull sena tal-membri tal-persunal.

Jekk waħda minn dawn il-ġranet taħbat is-Sibt jew il-Ħadd, id-Direttur jista' jagħżel ġurnata oħra minflokha.

Artikolu 21

Leave

1. *Leave* ta' kull sena

(a) *Dritt*

Membri tal-persunal għandu jkollhom dritt għal-*leave* bil-ħlas ta' kull sena bir-rata ta' 2.5 jiem utli għal kull xahar ta' servizz komplut. Dan id-dritt għandu jgħodd kull sena kalendarja.

Membri tal-persunal ingaġġati bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Lulju għandhom ikunu intitolati għal ħmistax-il ġurnata *leave* bil-quddiem mid-dritt tagħhom ta' kull sena jekk il-*leave* ikollu jittieħed wara d-data msemmija wara.

Jekk fil-31 ta' Diċembru membru tal-persunal ikun fadallu, minħabba l-esiġenzi tas-servizz, perjodu ta' *leave* mhux mittieħed, id-Direttur jew id-delegat tiegħu jista' jawtorizza d-diferiment tal-*leave* kollu jew parti minnu għas-sena ta' wara. Kull dritt diferit iżda mhux mittieħed sal-31 Marzu għandu jiġi kanċellat.

(b) *Proċedura amministrattiva*

Membri tal-persunal li jixtiequ jieħdu l-*leave* skond dak intitolati għalih kif imfisser f'(a) għandhom jiksbu permess minn qabel mid-Direttur.

Rekord tal-*leave* għandha tinżamm mit-taqsima amministrattiva ta' l-Istitut, li minnha membri tal-persunal jistgħu jiksbu l-formoli ta' l-applikazzjoni għal-*leave*. Dik ir-rekord għandha turi l-għadd ta' ġranet *leave* li jkun baqa' f'dik is-sena.

Membri tal-persunal jimlew it-taqsimiet fuq:

— għadd ta' ġranet tal-*leave* mitlub,

— data u ħin tat-tluq,

— data u ħin ta' meta jiġu lura,

— pajjiż jew pajjiżi li fihom ikunu se jqattgħu l-*leave*,

— indirizz waqt il-*leave* (mhux obbligatorju), u

— numru tat-telefon meta jkunu bil-*leave* (fejn japplika).

Wara li jiffirma d-Direttur jew id-delegat tiegħu, il-formola ta' l-applikazzjoni tal-*leave* għandha tittieħed lura mill-membru tal-persunal għand it-taqsima ta' l-amministrazzjoni u tinżamm fil-*file* personali tal-membru tal-persunal.

(ċ) *Leave li ma jitteħidx mat-tluq ta' membri tal-persunal*

Leave li ma jitteħidx meta l-membri tal-persunal jitilqu mill-Istitut għandu jiġi kanċellat. Madankollu, jekk id-Direttur jiċ-ċertifika bil-miktub illi, minħabba l-esiġenzi tas-servizz, kien impossibbli għal membru tal-persunal li jieħu l-*leave* kollu tiegħu, il-membru tal-persunal għandu jkun intitolat għal ħlas ta' kumpens ta' wieħed minn sittin tas-salarju bażiku nett fix-xahar tiegħu għal kull ġurnata *leave* li takkumula b'dan il-mod.

2. *Leave* bla ħlas

Jekk mitlub minn membru tal-persunal, id-Direttur jista' jagħti *leave* addizzjonali, bla ħlas sa limitu ta' 15-il ġurnata konsekuttiva.

Dan ma jaffettwax la l-anzjanità u l-anqas id-drittijiet tal-pensjoni.

Madankollu, it-tnaqqis kollu rigward il-pensjonijiet u sigurtà soċjali jsir bħallikieku l-membru tal-persunal ikun tħallas normalment għall-perjodu tal-*leave* bla ħlas.

3. *Leave* tal-mard, maternità u *leave* ieħor speċjali

Leave speċjali għandu jingħata, b'żieda mal-*leave* ta' kull sena, għall-mard, maternità jew ċirkustanzi eċċezzjonali.

Id-dettalji u l-proċeduri li għandhom jimxu magħhom jinsabu fl-Anness VIII.

Artikolu 22

***Leave* f'pajjiżhom**

Membri tal-persunal li huma intitolati għal *allowance* ta' barra l-pajjiż għandhom ikunu eliġibbli, għal kull perjodu ta' servizz ta' tliet snin, għal ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' vjaġġ għal u mill-pajjiż li tiegħu jkunu ċittadini, rigward lilhom infushom u membri tal-familja tagħhom li joqogħdu magħhom.

Spejjeż ta' l-ivvjaġġar għandhom jitħallsu lura mit-taqsima ta' l-amministrazzjoni, wara li tkun stmat l-irħas mezzi ta' trasport skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness VII.

Leave f'pajjiżhom iġib miegħu dritt ta' ħamest ijiem *leave* b'żieda mad-dritt ta' kull sena.

KAPITOLU VI

RAPPORTI U PROMOZZJONI

Artikolu 23

Disposizzjonijiet ġenerali

1. Ix-xogħol tal-membri kollha tal-persunal, apparti mid-Direttur, għandu jkun evalwat darba fis-sena, mhux aktar tard mill-15 ta' Diċembru.

Ir-rapporti għandhom jikkummentaw fuq il-profiċjenza relattiva tal-membri tal-persunal u għandhom jagħtu opportunità biex jifirħu lill-membri tal-persunal jew, għal kontrarju, iwissuhom bin-nuqqasijiet tagħhom bl-iskop li jtejbu s-servizz tagħhom.

2. Ir-rapporti għandhom jirrigwardaw il-kriterji li ġejjin:

(a) diligenza u puntwalità,

(b) kwalità u ħin f'kemm iwettqu x-xogħol,

(ċ) inizjattiva

(d) prijorità u relazzjonijiet ma' l-oħrajn.

Kull kriterju għandu jiġi stmat fuq skala ta' minn 0 sa 5. L-evalwazzjoni kollha għandha tinġabar fil-qosor fuq formola tar-rapport ta' kull sena li jinżamm fil-*file* personali tal-membru tal-persunal.

Artikolu 24

Proċedura

1. Id-Direttur għandu jaħtar il-membri tal-persunal responsabbli biex jirrapportaw lill-persunal li jkollhom taħthom jew x'jaqsmu magħhom.

2. Meta r-rapporti kollha jkunu nkitbu, id-Direttur għandu jlaqqa' l-Bord għall-Promozzjonijiet, ippresedut minnu stess, li għandu jinkludi l-membri kollha tal-persunal li jkunu kitbu wieħed jew aktar mir-rapporti. Il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-Persunal għandu jattendi l-laqgħat kollha tal-Bord għall-Promozzjonijiet, u għandu jkollu d-dritt li jivvota rigward dawk ta' taħtu u rwol konsultattiv rigward oħrajn.

3. Fuq il-bażi tal-parir tal-Kap ta' l-amministrazzjoni, id-Direttur għandu jagħmel evalwazzjoni definittiva ta' kull membru tal-persunal u jordna li jinkitbu rapporti li għandhom ikunu ffirmati mill-membri kollha tal-Bord għall-Promozzjonijiet.

4. Kull membru tal-persunal għandu jiġi intervistat personalment mid-Direttur, jew mid-delegat tiegħu kif meħtieġ, normalment matul is-seduta tal-Bord għall-Promozzjonijiet. Għandu jkun mgħarraf ta' kull sena fuq l-evalwazzjoni tiegħu, u għandu jiffirma l-formola tar-rapport, hekk li jagħti xhieda li hu kien mgħarraf biha.

5. Rapport ta' kull sena huwa miżura amministrattiva għal użu intern, li ma jistax ikun hemm appell kontra tiegħu lill-ebda korp estern.

Artikolu 25

Azzjoni segwenti tar-rapporti

1. Rapport tajjeb b'mod eċċezzjonali jista' jiġġustifika promozzjoni eċċezzjonali għal skala kif ukoll grad ogħla, kemm-il darba l-ispejjeż fil-*budget* tal-post jippermettu din il-promozzjoni.

2. Żewġ rapporti konsekuttivi ħżiena għandhom jiġġustifikaw li membru tal-persunal ma jipprogredix għal sena addizzjonali.

3. Żewġ rapporti ħżiena jew aktar jistgħu jiġġustifikaw li kuntratti ma jiġġeddux.

KAPITOLU VII

PROĊEDURA TA' DIXXIPLINA

Artikolu 26

Definizzjonijiet

1. Kull nuqqas minn membru tal-persunal jew *ex* membru tal-persunal li jonqos li jwettaq l-obbligi tiegħu skond ir-Regolamenti tal-persunal, sew intenzjonalment jew minħabba negligenza minnaħa tiegħu, jista' jittieħdu passi sempliċi, finanzjarji jew dixxiplinarji statutorji kontra tiegħu, minkejja l-kumpens li jista' jkun meħtieġ jagħmel bis-saħħa ta' l-Artikolu 2(4) u l-Artikolu 27 ta' dawn ir-Regolamenti.

(a) Miżuri dixxiplinarji sempliċi għandhom jinkludu:

— twissija verbali;

— twiddiba bil-miktub.

(b) Miżuri finanzjarji għandhom jinkludu:

— it-twaqqif taż-żieda ta' kull sena fis-salarju:

— tnaqqis immedjat fl-iskala fl-istess grad.

(ċ) Miżuri statutorji għandhom jinkludu:

— sospensjoni temporanja mid-dmirijiet li jinkludu t-twaqqif tal-flus kollha jew f'parti jew kollha;

— tneħħija mill-post, li tinvolvi t-tmiem tal-kuntratt, flimkien mat-telf tad-dritt kollu jew parti minnu għall-garanzija għat-telf ta' l-impieg, u possibilment flimkien ma' tnaqqis jew sospensjoni temporanja tal-benefiċċji skond l-iskema tal-pensjoni.

Miżuri dixxiplinarji għandu jiddeċidihom id-Direttur; miżuri dixxiplinarji sempliċi jista' jiddeċidihom il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-Persunal, waqt li jaġixxi f'isem id-Direttur, minbarra meta tissejjaħ laqgħa tal-Bord ta' Dixxiplina [1].

2. Jekk titressaq akkuża ta' mġiba ħażina serja kontra membru tal-persunal, u d-Direttur jikkonsidra li l-akkuża tkun *prima facie* msejsa sew, u li t-tkomplija tal-membru tal-persunal fil-kariga waqt investigazzjoni tippreġudika l-Istitut, il-membru tal-persunal relatat jista' jkun sospiż minnufih mill-funzjonijiet tiegħu wara r-riżultat ta' l-investigazzjoni, bil-jew mingħajr paga fid-diskrezzjoni tad-Direttur.

Artikolu 27

Kumpens għad-danni

Membri tal-persunal jistgħu jkunu meħtieġa li jħallsu kumpens, f'parti jew fit-totalità tagħha, għal kull ħsara mġarrba mill-Istitut minħabba n-negligenza kbira tagħhom jew att intenzjonat. Meta l-membru tal-persunal ikun telaq mill-Istitut, dan il-kumpens jista' jinkiseb billi jinżamm perċentwal tal-benefiċċji dovuti skond l-iskema tal-pensjoni, sa 70 % tal-pensjoni.

---

[1] F'dan il-każ, il-miżura ta' dixxiplina jiddeċidiha d-Direttur stess.

Artikolu 28

Notifika ta' l-ilmenti

Meta ssir proposta li miżura ta' dixxiplina skond l-Artikolu 26 tittieħed kontra kull membru tal-persunal, huwa għandu jiġi mgħarraf bil-miktub fi żmien jumejn eżatt wara li t-talba għal azzjoni dixxiplinarja tkun ġiet ippreżentata lid-Direttur jew Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-Persunal. Din in-notifika għandu jkollha magħha d-dokumenti relatati mar-raġuni għall-ilment kontra tiegħu, flimkien mar-rapporti kollha miktuba dwaru.

Artikolu 29

Bord ta' Dixxiplina

Fi żmien ħamest ijiem utli minn meta jkun ġie notifikat kif previst bl-Artikolu 28, il-membru tal-persunal relatat jista' jagħmel talba bil-miktub li l-każ tiegħu jkun eżaminat minn Bord ta' Dixxiplina, li jkun imlaqqa' mid-Direttur fi żmien ħamest ijiem. Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jiltaqa' matul il-ġimgħa wara d-data ta' meta tissejjaħ il-laqgħa.

Il-kompożizzjoni u proċeduri tal-Bord ta' Dixxiplina huma mogħtija fl-Anness IX.

L-opinjoni tal-Bord ta' Dixxiplina mgħandhiex tkun finali għad-Direttur.

IL-KAPITOLU VIII

APPELLI U BORD TA' L-APPELL

Artikolu 30

Appelli

Membri tal-persunal waqt il-kariga u *ex*-membri, jew il-werrieta jew kuraturi, jistgħu jappellaw kontra d-deċiżjonijiet meħuda mid-Direttur. Dawn l-appelli, jew proċeduri li joħorġu minnhom, mgħandhomx iwaqqfu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu qed jilmentw dwarhom.

1. Appelli amministrattivi interni

Appell amministrattiv intern huwa proċedura li biha membru tal-persunal li jikkunsidra li huwa jkun ġarrab ksur tad-drittijiet tiegħu kif stabbiliti b'dawn ir-Regolamenti jissottometti talba raġunata lid-Direttur ta' l-Istitut biex jirrevedi d-deċiżjoni li huwa jikkonsidra bħala li kisret dawn id-drittijiet

Id-Direttur għandu jibgħat irċevuta ta' dan l-appell u jirrispondi fi żmien ħamest ijiem eżatti minn meta jirċievi din it-talba.

Fil-każ ta' tweġiba negattiva, il-membru tal-persunal jista' jitlob għal medjazzjoni. Din il-medjazzjoni mhix obbligatorja.

2. Medjazzjoni

Il-medjatur għandu jkun espert legali indipendenti kwalifikat, maħtur mid-Direttur għal perjodu li jiġġedded ta' tliet snin.

Għandu jkun fornut bid-dokumenti kollha li jikkonsidra meħtieġa għal eżami tal-każ mid-Direttur u l-membru tal-persunal relatat.

Huwa għandu jissottometti l-konklużjonijiet tiegħu fi żmien 15-il jum mid-data li jkun ħa konjizzjoni tal-każ.

Dawn il-konklużjonijiet mgħandhomx ikunu obbligatorji la għad-Direttur u lanqas għall-membru tal-persunal.

L-ispejjeż għall-medjazzjoni għandhom jitħallsu mill-Istitut jekk il-konklużjonijiet jiġu rifjutati mid-Direttur; 50 % ta' l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-membru tal-persunal jekk ikun huwa li jirrifjuta li jaċċetta d-deċiżjoni.

3. Appelli diskutibbli

Wara li jkunu raw il-possibiltajiet kollha ta' l-ewwel rimedju (appell amministrattiv intern), membri tal-persunal għandhom ikunu liberi li jfittxu soluzzjoni quddiem il-Bord ta' l-Appell ta' l-Istitut.

Il-kompożizzjoni, l-operat u l-proċeduri speċifiċi ta' dak il-korp jinsabu fl-Anness X.

4. Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell

Deċiżjonijiet tal-Bord ta' l-Appell għandhom ikunu obbligatorji għaż-żewġ partijiet. Mgħandux ikun hemm appell fuqhom.

(a) Il-Bord jista' jannulla, jew jikkonferma, id-deċiżjonijiet li jilmentaw dwarhom.

(b) Il-Bord jista' inċidentalment jordna lill-Istitut biex jikkumpensa kull ħsara materjali li jkun ġarrab il-membru tal-persunal li jibda mill-jum li fih id-deċiżjoni annullata tkun daħlet fis-seħħ.

(ċ) Jista' jiddeċiedi wkoll li l-Istitut għandu jerġa' jħallas, fil-limiti li għandhom jiġu stabbiliti mill-Bord, l-ispejjeż ġustifikati li jkunu ntefqu minn dak li jkun ressaq il-pretensjoni, kif ukoll l-ispejjeż relatati mat-trasport u l-ispejjeż tal-ħajja li jkunu ntefqu mix-xhieda mismugħa. Dawn l-ispejjeż għandhom jiġu kkalkolati a bażi ta' l-Artikolu 18 u l-Anness VII ta' dawn ir-Regolamenti.

IL-KAPITOLU IX

SKEMA TAL-PENSJONI

Ir-regoli u kondizzjonijiet kollha relevanti jinsabu fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Pensjoni ta' l-Istitut għall-Studji ta' Sigurtà, skond l-iskema tal-pensjoni ta' l-Organizzazzjonijiet Koordinati.

Ir-Regoli dwar l-Iskema tal-Pensjoni huma parti integrali mir-Regolamenti tal-persunal ta' l-Istitut. L-Artikoli 31 u 36 aktar 'il quddiem huma biss sommarju tad-disposizzjonijiet prinċipali tar-Regoli ta' l-Iskema tal-Pensjoni, it-test kollu tagħhom jipprevali.

Artikolu 31

***Allowance* ta' meta titlaq**

1. Membru tal-persunal li jitlaq mill-Istitut qabel ma jkun temm 10 snin ta' servizz [1] għandu jkun intitolat għall-*allowance* ta' meta jitlaq (kif prevista fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Pensjoni).

2. L-*allowance* għandha tkun magħmula minn żewġ komponenti:

— ammont ugwali għall-aħħar salarju bażiku nett għal xahar u nofs multiplikat bin-numru ta' snin (jew parti minnhom) ta' servizz;

[1] Snin ta' servizz kwantitattiv preċedenti f'Organizzazzjoni Kordinata oħra għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkolat dan id-dritt, kemm-il darba l-membru tal-persunal ma jkunx irċieva din l-*allowance* fil-post preċendenti tiegħu.

— l-ammont akkumulat imnaqqas mis-salarju tiegħu kull xahar rigward il-kontribuzzjonijiet tal-pensjoni, flimkien ma' l-imgħax fuq l-imgħax bir-rata ta' 4 % fis-sena.

Artikolu 32

Pensjoni ta' meta wieħed jirtira

1. Membri tal-persunal li jkunu temmew 10 snin jew aktar ta' servizz attwali fl-Istitut [1] għandhom ikunu intitolati għall-pensjoni ta' meta wieħed jiritira. Membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati li jieħdu dik il-pensjoni la darba jkunu għalqu s-sittin sena. Qabel dik l-età, il-ħlas tal-pensjoni ta' meta wieħed jiritira għandu jkun pospost.

2. L-ammont tal-pensjoni għandu jkun proporzjonali għan-numru ta' snin ta' servizzi kalkolabbli. Għandha titħallas kull xahar lill-membri tal-persunal f'forma ta' introjtu.

3. Eskluża kull deċiżjoni eċċezzjonali meħuda mid-Direttur, membri tal-persunal għandhom jirċievu awtomatikament pensjoni la darba jagħlqu l-65 sena jekk ikunu taw ta' l-anqas 10 snin servizz.

Artikolu 33

Pensjoni ta' l-invalidità

1. Skond l-Artikolu 6(4) ta' dawn ir-Regolamenti, membru tal-persunal li hu rikonoxxut li jkun ibati minn invalidità permanenti li assolutament ma tħallihx iwettaq id-dmirijiet marbuta ma' l-impieg tiegħu, għandu jkun intitolat għal pensjoni ta' l-invalidità.

2. L-ammont tal-pensjoni ta' l-invalidità għandu jkun ekwivalenti għall-pensjoni ta' meta wieħed jirtira li għaliha l-membru tal-persunal kien ikun intitolat fil-limitu ta' età stipulat f'dawn ir-Regolamenti kieku kompla jservi sa dik l-età u mingħajr il-ħtieġa għal ta' l-anqas 10 snin servizz skond l-Artikolu 32(1). Għandha titħallas lill-membru tal-persunal kull xahar f'forma ta' introjtu li tibda mill-1 tax-xahar wara d-data li fiha l-invalidità tkun rikonoxxuta uffiċjalment.

Artikolu 34

Pensjoni għal min jibqa' ħaj

1. Il-persuna li tibqa' ħajja li tkun miżżewġa lill-membru tal-persunal li jkun miet matul is-servizz tkun intitolata għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj.

2. Din il-pensjoni għandha titħallas kull xahar lill-armla jew armel li jibqa' ħaj fil-forma ta' introjtu li jibda mill-1 tax-xahar wara d-data li fiha jkun miet il-membru tal-persunal matul is-servizz [2].

3. Id-dritt għall-pensjoni għal min jibqa' ħaj għandu jispiċċa fl-aħħar tax-xahar li matulu tkun seħħet il-mewt tal-parti li tkun baqgħet ħajja jew li matulu din ta' l-aħħar ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet għad-dritt għall-pensjoni.

Artikolu 35

Pensjoni ta' l-orfni jew dipendenti

1. Fil-każ fejn imut membru tal-persunal waqt li għadu fis-servizz jew li jkun intitolat għal pensjoni immedjata jew diferita ta' meta wieħed jirtira, uliedu jew dipendenti oħra tiegħu għandhom ikunu intitolati għal pensjoni skond it-termini stipulati fir-Regoli ta' l-Iskema tal-Pensjoni.

2. "Ulied jew dipendenti oħra" tfisser persuni li jkunu skond il-kondizzjonijiet speċifikati fl-Anness III tar-Regolamenti għall-persunal. Ulied imwielda mhux aktar minn 300 jum wara l-mewt ta' membru tal-persunal għandhom ikunu intitolati wkoll għall-pensjoni.

3. Dritt għall-pensjoni għandu jispiċċa fl-aħħar tax-xahar li matulu t-tifel jew dipendent ieħor ma jibqax jissodisfa l-kondizzjonijiet għad-dritt għall-*allowance* għat-tifel jew dipendent.

Il-pensjoni ta' meta wieħed jirtira jew invalidità msemmija fl-Artikoli preċedenti jerġgħu jmorru għand il-persuna miżżewġa li tibqa' ħajja skond it-termini stipulati fir-Regoli ta' l-Iskema għall-Pensjoni.

Artikolu 36

Pensjonijiet proviżorji

1. Meta membru tal-persunal waqt is-servizz jew ex membru tal-persunal li jkun jirċievi pensjoni ta' meta wieħed jirtira jew invlidita jkun ilu nieqes għal aktar minn sena f'ċirkustanzi li jiġġustifikaw ipotesi ta' mewt, il-persuna miżżewġa jew persuni rikonoxxuti bħala dipendenti jistgħu proviżorjament jingħataw pensjoni għal min baqa' ħaj, jew pensjoni ta' l-orfni, kif ikun xieraq.

2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom jgħoddu għal persuni rikonoxxuti bħala dipendenti ta' persuna armel/armla biex jirċievu l-pensjoni għal min baqa' minn persuni li jkunu ilhom nieqsa għal aktar min sena.

3. Pensjonijiet proviżorji skond il-paragrafi 1 u 2 jinbidlu f'pensjonijiet definittivi meta l-mewt ta' membru tal-persunal jew sieħed/sieħba tkun stabbilita uffiċjalment jew meta dik il-persuna tkun ġiet dikjarata nieqsa b'deċiżjoni finali tal-qorti.

---

[1] Snin ta' servizz kwantitattiv preċedenti f'Organizzazzjoni Kordinata oħra għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi kkalkolat dan id-dritt, kemm-il darba l-membru tal-persunal ikun ingħaqad ma' l-Istitut mhux aktar minn sitt xhur qabel wara li jkun ħalla l-pożizzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni l-oħra.

[2] Jew li jibda fid-data meta jintemm il-ħlas tas-salarju tal-membru deċedut tal-persunal.

TITOLU III

DISPOSIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL PERSUNAL TEMPORANJU

Artikolu 37

Disposizzjonijiet statutorji

Persunal temporanju huwa persunal awżiljarju ingaġġat teoretikament għal perjodi qosra. Mgħandhomx l-istess status ta' persunal internazzjonali, u huma soġġetti totalment għal-liġijiet u regolamenti ta' l-Istat fejn ikunu allokati u l-Istat li tiegħu jkunu ċittadini.

1. *Persunal* temporanju huma impjegati li ma jokkupawx il-postijiet li hemm ippjanati fin-nefqa kif imfisser fit-tabella li tistabbilixxi l-Istitut.

2. Dawn l-impjegati għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tat-Titolu I u d-disposizzjonijiet li ġejjin fit-Titolu II:

— Kapitolu I: l-Artikolu 3(2) (għajnuna u kompens), (4) (attivitajiet esterni) u (5) (kandidatura għal kariga pubblika jew politika)

— Kapitolu II: l-Artikolu 5 (limitu għall-età għall-impieg) u 6 (eżamijiet mediċi)

— Kapitolu III: l-Artikolu 15 (ġbid bil-quddiem tas-salarju)

— Kapitolu IV: l-Artikolu 17 (spejjeż tal-ġarr) u 18 (ivvjaġġar fuq servizz)

— Kapitolu V: l-Artikolu 19 (sigħat ta' xogħol) u 20 (btajjel pubbliċi)

— Kapitolu VII: l-Artikolu 27 (kompens għad-danni)

— Kapitolu VIII: (appelli) - bla ħsara għall-Artikolu 40(3).

Artikolu 38

Kuntratti

Persunal temporanju għandu jkun ingaġġat għal perjodu ta' minn xahar sa 6 xhur. Kuntratti għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu skond l-istess kondizzjonijiet. L-Istitut u l-membru tal-persunal temporanju jista' jtemm il-kuntratti billi jagħti avviż ta' għaxart ijiem eżatt qabel.

Artikolu 39

Remunerazzjoni

1. Ir-remunerazzjoni tal-persunal temporanju għandha tkun stabbilita kontrattwalment; għandha tkun tikkonsisti minn salarju nett ta' kull xahar eskluži kull *allowances* addizzjonali, tkun xi tkun is-sitwazzjoni familjari u soċjali tal-persuna relatata.

2. Minn dak l-ammont fiss għandhom jitnaqqsu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ta' min jaħdem jew lil assigurazzjoni privata li tipprovdi ħlas lura sħiħ jew, jekk min jaħdem ikun diġà membru ta' skema ta' assigurazzjoni għall-mard, għal assigurazzjoni supplimentari.

3. La darba *persunal* temporanju ma jiħux benefiċċji mill-iskema tal-pensjoni, l-ebda tnaqqis mgħandu jsir rigward dan.

4. Fil-bidu tas-sena r-remunerazzjoni tal-persunal temporanju għandha tiżdied bl-istess perċentwal ta' dak mogħti lill-membri tal-persunal mill-Bord

Artikolu 40

Disposizzjonijiet speċjali

1. Spejjeż ta' dħul u tluq

Persunal temporanju ma jistax jagħmel pretensjoni għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż għall-familji tagħhom meta jidħlu jew jitilqu.

2. Leave

Persunal temporanju għandu jkun intitolat għal ġurnata u nofs *leave* kull xahar li jaħdem.

3. Tilwim

Tilwim intern rigward id-drittijiet u remunerazzjoni ta' *persunal* temporanju għandu jiġi ttrattat skond il-proċeduri ta' appell deskritti fl-Artikolu 30 u 31 ta' dawn ir-Regolamenti.

It-tilwim kollu l-ieħor għandu jkun taħt il-ġurisdizzjoni tal-qrati ordinarji ta' l-Istat fejn ikun allokat.

TITOLU IV

DISPOSIZZJONIJIET APPLIKABBLI GĦAL ESPERTI, DETENTURI TA' GĦOTJIET GĦAL RIĊERKA U *TRAINEES*

Artikolu 41

Disposizzjonijiet statutorji u finanzjarji

1. Esperti, detenturi ta' għotjiet għal riċerka u *trainees* għandu jkollhom l-istatus ta' viżitaturi fl-Istitut. Huma għandhom ikunu soġġetti għad-disposizzjonijiet tat-Titolu I ta' dawn ir-Regolamenti, li magħhom għandhom jiffamiljarizzaw irwieħhom mal-ħatra.

2. Ir-remunerazzjoni ġenerali tagħhom għandha tkun stabbilita mill-bidu ta' l-attivitajiet tagħhom fl-Istitut; għandha titħallas f'porzjonijiet suċċessivi, kif imfissra mid-Direttur, skond ir-riżultati tax-xogħol li għalih ikunu ġew ingaġġati jew aċċettati.

3. Esperti maħtura u detenturi ta' għoti għal riċerka għandhom ikunu intitolati għall-ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għalihom infushom biss, meta jaslu fl-Istitut u meta jitilqu. Eċċezzjonalment, u kif jiġi deċiż mid-Direttur, dan il-ħlas lura jista' jitħallas lil *trainee*.

ANNESS I

GARANZIJA GĦAT-TELF TA' L-IMPJIEG

Referenzi: (a) l-Artikolu 7 ta' dawn ir-Regolamenti għall-persunal.

(b) l-Anness V tat-78 Rapport tal-Kumitat Kordinattiv ta' l-Esperti tal-*Budgets* Governattivi, Awissu 1972.

1. **Ċirkustanzi li fihom il-garanzija titħallas**

Garanzija għat-telf ta' l-impieg [1] tista' tingħata lill-membru tal-persunal li l-kuntratt tiegħu jintemm għal waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) trażżin tal-post li jkunu ppjanaw għalih finanzjarament;

(b) bidliet fin-natura jew livell ta' l-impieg hekk li l-membru tal-persunal ma jkunx jippossedi aktar il-kwalifiki meħtieġa;

(ċ) l-irtirar mill-Bord ta' l-Istat Membru li tiegħu l-membru tal-persunal ikun ċittadin;

(d) it-trasferiment tal-kwartier ġenerali ta' l-Istitut b'distanza ta' 'l fuq minn 100 km jew 60 mil mil-lok fejn membru tal-persunal kien ingaġġat u ċ-ċaħda minn membru tal-persunal biex jiġi trasferut għar-raġuni li din l-eventwalità ma kinetx prevista fil-kuntratt tiegħu;

(e) l-irtirar tal-permess tas-sigurtà [2] tal-membru tal-persunal għal raġunijiet barra dawk ta' dixxiplina.

Il-garanzija ma tkunx dovuta jekk:

(f) il-membru tal-persunal ikun kiseb post ieħor fl-istess grad fl-Istitut;

(g) il-membru tal-persunal ikun kiseb ħatra ġdida f'organizzazzjoni internazzjonali oħra fl-istess lokalità;

(h) il-membru tal-persunal, bħala impjegat pubbliku ta' Stat Membru, ikun kiseb assimilazzjoni mill-ġdid u remunerazzjoni fl-amministrazzjoni nazzjonali tiegħu fi żmien 30 jum wara t-terminazzjoni tal-kuntratt tiegħu mill-Istitut;

(i) il-kuntratt tal-membru tal-persunal jintemm bħala riżultat ta' proċedura dixxiplinarja.

2. **Ħlas tal-garanzija lill-membri tal-persunal li jkunu taw servizz ta' anqas minn 10 snin fl-Istitut** [3]

Kemm-il darba li l-kuntratt tagħhom ma jkunx intemm, dawn il-membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għal garanzija li tammonta għal 50 % tar-remunerazzjoni mensili netta multiplikata bin-numru ta' xhur [4] li jkun baqa' sa l-iskadenza tal-perjodu taż-żmien tal-kuntratt tagħhom, sa massimu ta' remunerazzjoni ta' 5 xhur. Ir-remunerazzjoni netta għandha tittieħed li tfisser is-salarju bażiku miżjud ma' l-*allowances* addizzjonali kollha u l-garanziji mħallsa kull xahar.

3. **Il-ħlas tal-garanzija lil membri tal-persunal li jkunu taw servizz ta' aktar minn 10 snin fl-Istitut** [3]

Dawn il-membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għal garanzija ekwivalenti għal 100 % tar-remunerazzjoni mensili netta tagħhom kull sena ta' servizz fl-Istitut [5], sa massimu ta' 24 xahar. L-ammont ta' garanzija mgħandux jirrappreżenta n-numru ta' xhur [3] li jkun jeċċedu l-perjodu li l-membru tal-persunal ikollu jagħti qabel ma jilħaq il-limitu ta' l-età speċifikat fl-Artikolu 5 ta' dawn ir-Regolamenti tal-persunal.

---

[1] B'distinzjoni mill-*allowance* għat-tluq, li tirrapreżenta sempliċiment il-ftehim fuq id-drittijiet tal-pensjoni.

[2] F'każi biss fejn il-post meħud ikun jinħtieġ permess bħal dan.

[3] Jew servizz bla interruzzjoni akkumulat ta' 10 snin fl-Istitut u organizzazzjoni internazzjonali oħra.

[4] Jew partijiet minn xhur, murija f'parti minn kull tletin.

ANNESS II

ALLOWANCE TA' BARRA L-PAJJIŻ

1. Membri tal-persunal hekk intitolati skond l-Artikolu 10 tar-Regolamenti għall-persunal għandhom jirċievu *allowance* mensili ta' barra l-pajjiż. L-ammont ta' l-*allowance* għandu jkun:

   (a) għal membri tal-persunal intitolati għall-*allowance* tad-dar:

   — 18 % tas-salarju ta' riferenza matul l-ewwel għaxar snin servizz;

   — 17 % tas-salarju ta' riferenza matul il-ħdax-il sena ta' servizz;

   — 16 % tas-salarju ta' riferenza matul it-tnax-il sena ta' servizz;

   — 15 % tas-salarju ta' riferenza mill-erbatax-il sena ta' servizz;

   (a) għal membri tal-persunal mhux intitolati għall-*allowance* tad-dar:

   — 14 % tas-salarju ta' riferenza matul l-ewwel għaxar snin servizz;

   — 13 % tas-salarju ta' riferenza matul il-ħdax-il sena ta' servizz;

   — 12 % tas-salarju ta' riferenza matul it-tnax-il sena ta' servizz;

   — 11 % tas-salarju ta' riferenza mill-erbatax-il sena ta' servizz;

2. Is-salarju ta' riferenza għandu jkun is-salarju bażiku nett li jitħallas bħala skala 1 tal-gradi tal-membri tal-persunal.

3. *Allowance* għal min jaħdem barra l-pajjiż mgħandhiex tkun anqas mis-salarju bażiku pagabbli fil-grad B3 skala 1.

ANNESS III

TFAL U DIPENDENTI OĦRA

1. **Tfal dipendenti**

(a) Tifel leġittimu, tifel naturali legalment rikonoxxut jew tifel adottat meqjus li jkun dipendenti ta' membru tal-persunal huwa tifel li l-manteniment u edukazzjoni kontinwi tiegħu jkunu assigurati minn dak il-membru tal-persunal, u li joqgħod kontinwament mal-familja, fil-lokalità fejn il-membru tal-persunal ikun fil-post jew fil-lokalità fejn joqgħod il-ġenitur l-ieħor.

(b) Il-membru tal-persunal konċernat għandu jibgħat lit-taqsima amministrattiva kopji ta' dokumenti li jiċċertifikaw legalment li t-tifel huwa dipendenti fuqu għas-sostenn materjali.

(ċ) Tifel ma jitqiesx dipendenti fuq membru tal-persunal:

— meta jilħaq l-età ta' 26;

— meta, qabel ma jilħaq dik l-età, ikun qed jirċievi salarju, introjtu jew ħlas ta' drittijiet għal rasu;

— fejn il-membru tal-persunal jew persuna miżżewġa li tieħu ħsieb it-tifel jirċievi, skond il-liġijiet jew regolamenti nazzjonali tiegħu jew tagħha, jew dawk tal-pajjiż fejn ikun, *allowance* ta' l-istess natura.

(d) It-taqsima amministrattiva għandha tkun intitolata li tesiġi li jippreżentawlha dokumenti uffiċjali jew notarili li jidhrilha meħtieġa biex tistabbilixxi d-dritt għall-*allowances* rispettivi.

2. **Dipendenti oħra**

(a) Persuna bl-eċċezzjoni ta' tifel dipendenti kif imfisser fil-paragrafu 1 jista' jiġi kkunsidrat dependenti minn membru tal-persunal skond il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— ikun ġenitur jew qarib viċin ieħor b'konsangwinità jew żwieġ;

— jgħix kontinwament mal-membru tal-persunal jew konjugu tiegħu, jew ikun regolarment imdaħħal f'istituzzjoni li tagħti kura medika speċjalizzata;

— il-persuna relatata ma jkollhiex riżorsi biżżejjed tagħha biex tmantni lilha nnifisha.

(b) Il-membru tal-persunal konċernat għandu jipprovdi lit-taqsima amministrattiva xhieda valida li l-persuna hija dipendenti fuqu għas-sostenn materjali.

(ċ) It-taqsima amministrattiva għandha tkun intitolata li tesiġi li jippreżentawlha dokumenti uffiċjali jew notarili li jidhrilha meħtieġa biex tistabbilixxi dritt għall-*allowances* rispettivi.

ANNESS IV

DIPENDENTI B'DIŻABILITÀ

1. Persuna dipendenti titqies li tkun b'diżabilità jekk jiġi stabbilit b'xhieda medika li tkun qed tbati minn diżabilità serja u permanenti li tkun tinħtieġ jew kura speċjalizzata jew superviżjoni li ma tkunx provduta minghajr ħlas, jew edukazzjoni jew taħriġ speċjali.

2. Id-deċiżjoni li tingħata l-*allowance* għandha ssir mid-Direttur wara li jieħu l-parir ta' bord li jlaqqa' apposta, u li għandu jinkludi ta' l-anqas tabib wieħed. Id-deċiżjoni tad-Direttur għandha tispeċifika l-perjodu li għalih għandha titħallas l-*allowance*, soġġetta għal reviżjoni.

3. Il-kriterju biex wieħed ikun intitolat għad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regolamenti għandu jkun ix-xkiel kontinwu ta' attivitajiet fiżiċi jew mentali.

   Persuni dipendenti jistgħu hekk jitqiesu li jkunu b'diżabilità fejn dawn ibatu minn:

   — kondizzjoni serja jew kronika tas-sistema tan-nervituri ċentrali jew awtomatika, tkun xi tkun il-kawża, bħal mard tal-moħħ, mijopatija u paraliżi awtomatika;

   — kondizzjoni serja fis-sistema lokomotiva;

   — kondizzjoni serja f'waħda jew aktar mis-sistemi sensorjali;

   — mard mentali kroniku u diżabilitanti.

   L-elenku ta' hawn fuq mgħandux jitqies li huwa eżawrjenti. Huwa mogħti bħala indikazzjoni biss, u mgħandux jittieħed bħala bażi biex jevalwa l-grad ta' diżabilità jew inkapaċità.

4. L-ammont ta' l-*allowance* għandu jkun ekwivalenti għall-ammont ta' l-*allowance* għat-tifel dipendenti, u għandu jkun addizzjonali għalih.

5. Fil-każ li membru tal-persunal relatat jew dawk tad-dar ikunu intitolati għal *allowance* simili skond l-iskema nazzjonali jew internazzjonali, l-ammont ta' l-*allowance* pagabbli mill-Istitut għandu jkun l-ammont li bih ir-rata pagabbli skond dawn ir-Regolamenti jeċċedi l-ammont pagabbli skond l-iskema nazzjonali jew internazzjonali.

L-ANNESS V

ALLOWANCE TAL-KERA

1. L-ammont għall-*allowance* tal-kera għandu jkun proporzjon tad-differenza bejn il-kera attwali mħallsa, eskluži l-ħlasijiet kollha msemmija fl-Artikolu 11(5)(a), u s-somma kkalkolata kif ġej:

   (a) 15 % tas-salarju bażiku nett għal membri tal-persunal tal-gradi Ċ u B, sa u inkluż B.4;

   (b) 20 % tas-salarju bażiku nett għal membri tal-persunal tal-gradi B.5 u B6;

   (ċ) 22 % tas-salarju bażiku nett għal membri tal-persunal tal-gradi A.1 u L.1.

2. Il-proporzjoni msemmija għandha tkun:

   (a) 50 % għal membri tal-persunal mhux miżżewġa u membri tal-persunal miżżewġa mingħajr dipendenti;

   (b) 55 % għal membri tal-persunal mingħajr wieħed dipendenti;

   (ċ) 60 % membri tal-persunal b'żewġ dipendenti jew aktar.

3. L-*allowance* mgħandhiex tkun aktar minn:

   (a) 10 % tas-salarju bażiku nett tal-membru tal-persunal relatat fil-każ tal-gradi Ċ sa B.4 inklussivi;

   (b) 15 % % tas-salarju bażiku nett fil-każ tal-gradi B.5 u B.6, u A.1 u L.1.

Is-salarju bażiku nett għandu jitqies li jfisser is-salarju bażiku attwali kif mogħti fl-iskali annwali miftehma mill-Bord, iżda li jeskludi kull żidiet oħra ma' jew tnaqqis mir-remunerazzjoni.

L-ANNESS VI

SPEJJEŻ TA' L-IVVJAĠĠAR U ĠARR

TAQSIMA I - **Spejjeż ta' l-ivvjaġġar għal membri tal-persunal u l-familji tagħhom bejn il-post ta' residenza tagħhom u l-post tas-servizz**

1. Membri tal-persunal li l-post ta' residenza huwa aktar minn 100 km jew 60 mil mill-post tas-servizz tagħhom għandhom ikunu intitolati, bla ħsara għall-Artikolu 22 ta' dawn ir-Regolamenti, għal rifużjoni ta' l-ispejjeż attwali ta' l-ivvjaġġar:

   (a) meta jieħdu l-ħatra tagħhom, għall-ivvjaġġar mill-post ta' residenza tagħhom għall-post ta' servizz tagħhom;

   (b) mat-trasferiment mill-post tas-servizz fejn ikunu ġew ingaġġati għal post ieħor ta' servizz aktar minn 100 km jew 60 mil 'il bogħod;

   (ċ) meta jitilqu mill-ħatra tagħhom:

   — jew għall-ivvjaġġar mill-post ta' servizz għall-post ta' residenza tagħhom meta jkunu ġew ingaġġati;

   — jew, biex jivvjaġġaw mill-post tas-servizz tagħhom sa post ta' residenza eskluż dak imsemmi aktar qabel, kemm-il darba l-ispiża li għandha titħallas lura ma tkunx akbar.

2. Rifużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu rifjutati totalment jew parzjalment fil-każi li ġejjin:

   (a) fejn id-dritt ma jkunx ġie stabbilit fil-ħin meta membru tal-persunal jieħu l-ħatra tiegħu;

   (b) jekk l-ispiża kollha jew parti minnha fil-kwistjoni tkun tħallset minn gvern jew korp ieħor;

   (ċ) fejn membru tal-persunal jitlaq mll-ħatr tiegħu, jekk il-vjaġġ ma jsirx fi żmien ta' tliet xhur li jibdew mid-data li fiha jintemmu dmirijiet tal-membru tal-persunal, jew jekk l-applikazzjoni għar-rifużjoni ma tkunx intlaqgħet mit-taqsima ta' l-amministrazzjoni fi żmien tletin jum mill-vjaġġ;

   (d) meta d-dmirijiet tal-membru tal-persunal jintemmu, jekk il-persuna relatata tkun irriżenjat qabel ma tkun kompliet is-servizz ta' tnax-il xahar fl-Istitut.

3. Membri tal-persunal li jissodisfaw il-kondizzjonijiet elenkati fil-paragrafi 1 u 2, u li jirċievu *allowance* tad-dar, għandhom ikunu intitolati wkoll għal:

   (a) rifużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li attwalment ikunu ntefqu mill-konjugi tagħhom u tfal dipendenti meta jingħaqdu mal-membru tal-persunal fil-post tas-servizz tiegħu;

   (b) ħlas lura ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li attwalment ikunu ntefqu mill-konjugi tagħhom u tfal dipendenti meta jiċċaqilqu minn post ta' servizz għal post ta' servizz ieħor allokat 'il fuq minn 100 km jew 60 mil bogħod, jekk id-dewmien tat-trasferiment ma jkunx speċifikat iżda li jkun aktar minn xahrejn;

   (ċ) rifużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar li attwalment ikunu ntefqu mill-konjugi tagħhom u tfal dipendenti meta dmirijiethom jintemmu, minbarra li l-ħlas lura jista' jiġi rifjutat jekk il-membru tal-persunal jirriżenja qabel ikun lesta servizz ta' tnax-il xahar fl-Istitut.

4. Konjugi u tfal dipendenti ([1]) għandhom jitqiesu li jkunu fl-istess grad ta' membru tal-persunal konċernat.

TAQSIMA II - **Spejjeż ta' ġarr**

1. Membri tal-persunal li l-post ta' residenza tagħhom ikun ta' aktar minn 100 km jew 60 mil 'il bogħod mill-post ta' servizz għandhom ikunu intitolati għal rifużjoni ta' l-ispejjeż li attwalment jonfqu għal ġarr ta' l-oġġetti tagħhom tad-dar fil-każi li ġejjin:

   (a) meta jieħdu l-ħatra tagħhom:

   (b) meta jiġu ttrasferiti għal perjodu indefinit ta' aktar minn xahrejn minn post ta' servizz għal post ieħor ta' servizz li jkun ta' aktar minn 100 km jew 60mil 'il bogħod;

   (ċ) meta jitlaq mill-Istitut, eskluż li l-ħlas lura jista' jiġi rifjutat jekk il-membru tal-persunal jirriżenja qabel ma jlesti t-tnax-il xahar servizz fl-Istitut.

2. Rifużjoni ta' l-ispejjeż li jonfqu għal ġarr ta' oġġetti tad-dar, inkluż l-ippakkjar ([2]), għandhom jikkonsistu sal-limiti li ġejjin:

   (a) Għall-membri tal-persunal intitolati għall-*allowance* tad-dar:

Minbarra l-gradi	7 000 kg	jew 46 m^3
A u L	6 000 kg	jew 40 m^3
B u C	3 000 kg	jew 20 m^3

   Flimkien ma' 750 kg jew 5 m^3 kull tifel li joqgħod mal-membru tal-persunal.

([1]) Jew dipendenti kif definiti fl-Annessi III u IV.

([2]) Ir-rifużjoni ma teċċedix l-ispejjeż ta' l-assigurazzjoni ta' oġġetti tad-dar.

(b) Ghal membri tal-persunal li ma jkunux intitolati ghall-*allowance* tad-dar:

Minbarra l-gradi	5 000 kg	jew 33 m^3
A u L	4 000 kg	jew 27 m^3
B u C	2 000 kg	jew 13 m^3

Biex jitolbu l-ispejjeż skond id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima, membri tal-persunal ghandhom jibaghtu lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal, ghall-approvazzjoni minn qabel, ta' l-anqas żewġ stimi ta' l-ispejjeż ghall-ġarr, minn kumpanniji differenti, flimkien ma' inventarju ta' l-oġġetti taghhom fid-dar [1]. Ir-rifużjoni ghandu jsir biss fil-limiti tad-dritt u l-bażi ta' l-anqas stima.

3. Membri tal-persunal jistghu jitolbu l-hlas lura biss skond din it-Taqsima jekk in-nefqa fil-kwistjoni ma tkunx tithallas lura b'awtorità tal-gvern jew awtorità ohra.

[1] Iż-żewġ stimi ghandhom jirreferu ghall-istess piż (jew volum), ittrasportat fuq l-istess distanza.

L-ANNESS VII

SPEJJEŻ TA' SERVIZZ UFFIĊJALI

Membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq servizz uffiċjali ta' l-Istitut għandhom ikunu intitolati għar-rifużjoni tan-nefqa kollha tagħhom u għal allowance ta' kuljum biex ikopru l-ġhixien meta jkunu 'l boghod mill-post tagħhom ta' servizz skond l-Artikolu 18 ta' dawn ir-Regolamenti.

TAQSIMA I - **Mezzi ta' trasport**

Ivvjaġġar minn membri tal-persunal fuq servizz għandu jsir bl-irħas mezzi disponibbli, soġġetti għad-derogi li hemm ipprovdut dwarhom f'din it-Taqsima [1].

Vjaġġ bl-ajru u bir-ferrovija huma kkunsidrati li jkunu l-mezzi normali tat-trasport. Id-Direttur jista', madankollu, jawtorizza lill-membri tal-persunal fuq servizz uffiċjali li jużaw vettura privata jew uffiċjali, partikolarment meta tabib jiċċertifika li ma jistgħux jivvjaġġaw bl-ajru għal raġunijiet mediċi, u li jivvjaġġaw bir-ferrovija jew ma jkunx possibbli, jew twil wisq jew ġholi wisq fil-prezz.

Jekk membru tal-persunal li jkun jivvjaġġa fuq servizz uffiċjali jagħżel, u jkun awtorizzat, li jivvjaġġa b'mezzi oħra barra l-orħos li jkun hemm, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

— għandu jkun intitolat biss għal rifużjoni ta' l-ispejjeż tal-vjaġġ bl-irħas mezzi tat-trasport;

— għandu jkun intitolat biss għall-*allowance* tal-ħajja għat-tul ta' żmien li kien ikun ħa kieku l-vjaġġ tiegħu jkun sar bl-orħos mezz li jsib;

— il-ħin tax-xogħol mittieħed minnu bħala riżultat ta' dan l-ivvjaġġar li jkun itwal mill-ħin li kien jieħu kieku vvjaġġa bl-orħos mezz li jsib jitnaqqas mid-dritt tiegħu ta' *leave* kull sena.

1. Ivvjaġġar bl-ajru

Minbarra fejn ikun awtorizzat mid-Direttur, l-ivvjaġġar kollu għandu jkun fil-klassi "ta' l-irħis" jew ekwivalenti.

2. Vjaġġi bil-ferrovija

(a) Gradi A sa L għandhom ikunu intitolati għal vjaġġi ta' l-ewwel klassi;

(b) Gradi B u Ċ għandhom ikunu intitolati għall-ivvjaġġar tat-tieni klassi;

(ċ) Għal vjaġġi bir-ferrovija li jinvolvu vjaġġi bil-lejl li ta' l-anqas idumu mas-sitt sigħat, membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għal rifużjoni ta' l-ispejjeż għall-kompartament ta' l-irqad, imma mhux ta' diviżorji ta' l-irqad; jekk ta' l-aħħar ma jintużawx, membri tal-persunal għandhom ikunu intitolati għal rifużjoni ta' l-ispejjeż għall-kompartament ta' l-irqad ta' l-1 jew tat-2 klassi, jiddependi mill-grad tagħhom;

(d) id-Direttur jista' jawtorizza membri tal-persunal ta' gradi anqas biex jivvjaġġaw ma' membri ta' l-istess ta' gradi ogħla fejn dan jiffaċilita n-negozju tax-xogħol uffiċjali; f'dawn il-każi r-rifużjoni għandha ssir bir-rata ogħla.

3. Vjaġġi fit-triq - l-użu ta' vetturi privati

(a) Membri tal-persunal jistgħu jkunu awtorizzati li jivvjaġġaw bil-vettura privata fl-interess ta' l-Istitut. F'dawn il-każi, għandhom ikunu intitolati għall-*allowance* kull kilometru kkalkolat fuq il-bażi ta' l-iqsar rotta normali L-*allowance* għandha tiġi kkalkolata fuq il-bażi tar-rata li tapplika fil-pajjiż fejn l-Istitut ikun jinsab, irrispettivament tal-pajjiż jew pajjiżi fejn isir l-ivvjaġġar. Ir-rati li jintużaw għandhom jiġu ppubblikati f'memorandum amministrattiv [2];

(b) Jekk il-membru tal-persunal relatat ikun awtorizzat biex jieħu mieġħu membri oħra ta' l-Istitut, hu għandu jitħallas *allowance* addizzjonali kull kilometru ekwivalenti għal 10 % tar-rata ta' l-*allowance* kull kilometru kull passiġġier [3]; jekk ir-rotta tinvolvi ħlasijiet speċjali (bħal imposta, jew trasport tal-vettura bil-vapur jew *ferry*), dawn il-ħlasijiet għandhom jitħallsu lura meta jippreżentaw il-*vouchers* bħala xhieda, minbarra kull infiq għal vjaġġar bl-ajru;

(ċ) Membri tal-persunal li jużaw il-vettura tagħhom għandhom juru minn qabel li huma għandhom polza ta' assigurazzjoni li tkopri riskji ta' terzi u riskji partikolarment għall-passiġġieri;

(d) Fil-każ ta' inċident, l-Istitut ma jħallasx lura l-ispejjeż għal kull ħsara fi proprjetà.

---

(1) Dawn id-disposizzjonijiet jistgħu jiġu estiżi għall-persunal temporanju, kif stabbilit mid-Direttur.

(2) Is-somma totali mħallsa ma tistax tkun aktar mill-ammont li altrimenti l-Istitut kien ikollu jħallas.

(3) F'dawn il-każi, "passiġġieri" għandhom ikunu intitolati għal kull rifużjoni ta' l-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar.

TAQSIMA II - ***Allowance* ġhall-ħajja ġhall-membri tal-persunal li jivvjaġġaw fuq servizz uffiċjali**

1. Membri tal-persunal li jkunu jivvjaġġaw fuq servizz uffiċjali ġhandu jkollhom dritt ġhal *allowance* ġhall-ħajja bir-rati stabbiliti kull sena mill-Bord. Ir-rati ta' l-*allowances* ġhall-missjonijiet f'pajjiżi membri ta' l-Organizzazzjonijiet kordinati huma murija fil-munita lokali.

   Madankollu, id-Direttur jista' jawtorizza:

   (a) rati speċjali ġhal pajjiżi fejn l-ġholi tal-ħajja huwa ogħla jew anqas mir-rati normali;

   (b) il-ħlas ta' l-*allowance* tal-ħajja b'rata ogħla minn dik li ġhaliha l-membri tal-persunal normalment ikunu intitolati jekk din tiffaċilita l-operat ta' kummerċ uffiċjali;

   (ċ) il-ħlas ta' *allowance* jekk *leave* tal-mard ġhandu jingħata waqt il-missjoni, minbarra fejn il-missjoni tkun qed titwettaq fil-post fejn jgħix il-membru tal-persunal.

2. L-*allowance* ġhall-ħajja ġhandha tiġi kkalkolata kif ġej:

   (a) membri tal-persunal ġhandhom ikunu intitolati ġhal *allowance* ġhal kull perjodu ta' 24 siegħa ta' servizz ([1]);

   (b) l-ebda *allowance* ġhall-ħajja mgħandha titħallas ġhal perjodi ta' anqas minn 4 sigħat;

   (ċ) meta l-perjodu ta' servizz ikun ta' 4 sigħat jew aktar iżda anqas minn 8 sigħat, il-membru tal-persunal ġhandu jkollu dritt ġhal kwart mill-*allowance* ta' kull jum. Bl-istess mod ġhandu jkollu dritt ġhal kwart ta' l-*allowance* ta' kuljum rigward kull perjodu ta' 4 sigħat jew aktar iżda anqas minn 8 sigħat aktar minn kul perjodu ta' 24 siegħa;

   (d) fejn il-perjodu ta' servizz huwa 8 sigħat jew aktar mingħajr akkomodazzjoni f'lukanda, il-membru tal-persunal ġhandu jkollu dritt ġhal nofs l-*allowance* ta' kuljum. Huwa ġhandu bl-istess mod ikun intitolat ġhal nofs l-*allowance* ta' kuljum rigward kull perjodu ta' 8 sigħat jew aktar iżda anqas minn 24 siegħa aktar minn kull perjodu komplet ta' 24 siegħa;

   (e) meta l-missjoni neċessarjament tinvolvi akkomodazzjoni f'lukanda, il-membru tal-persunal relatat jista' jitħallas l-*allowance* sħiħa ta' kuljum;

   (f) perjodu mistħajjel ġhandu jiżdied mal-ħin attwali tal-vjaġġ bil-ġhan li tiġi kkalkolata l-*allowance* ġhall-ħajja biex jippermetti ġhal ħin ta' l-ivvjaġġar lejn il-post prinċipali jew l-ajruport. Dan il-perjodu ġhandu jkun kif ġej:

   — Saġħtejn ġhal vjaġġi bil-ferrovija;

   — 3 sigħat ġhal vjaġġ bl-ajru.

3. *Allowance* imnaqqsa ġhall-ħajja

   L-*allowance* ġhandha titnaqqas:

   (a) meta l-vjaġġ jinvolvi ikliet jew akkomodazzjoni ġhal mal-lejl: bi 15 % ġhal kull ikla prinċipali u b'50 % ġhall-akkomodazzjoni ġhal mal-lejl magħduda fil-prezz;

   (b) bi tlieta minn kull ġhaxra jekk membru tal-persunal jivvjaġġa bil-*ferry* bil-lejl, kompartament ġhall-irqad, bil-ferrovija jew bl-ajru, ġhall-perjodu kopert bl-ivvjaġġar;

   (ċ) bi tlieta minn kull ġhaxra jekk membru tal-persunal jivvjaġġa fuq servizz uffiċjali ġhar-residenza uffiċjali tiegħu meta l-famlja tiegħu tkun ġhadha residenti hemm;

   (d) bi tliet kwarti meta l-akkomodazzjoni tkun ipprovduta minn korp estern.

4. Addizzjonijiet ġhall-*allowance* tal-ħajja

   L-*allowance* ġhandha titqies li tkopri l-ispejjeż kollha li jistgħu jintnefqu minn membru tal-persunal li jkun jivvjaġġa fuq servizz, bl-eċċezzjoni ta' l-ispejjeż elenkati aktar 'il quddiem, li ġhalihom ħlas lura addizzjonali jista' jiġi allegat:

   (a) drittijiet tal-visa u ħlasijiet simili li jiġu direttament mill-ivvjaġġar fuq servizz uffiċjali;

   (b) ħlasijiet ta' bagalji żejda awtorizzati espressament mid-Direttur;

   (ċ) ħlasijiet postali, telegrafiċi u telefonati minn pajjiż ġhall-ieħor li jintnefqu ġhal skopijiet uffiċjali;

   (d) spejjeż ta' ospitalità li jintnefqu minn membri tal-persunal skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mid-Direttur;

   (e) ħlasijiet ta' *taxi*, kemm-il darba d-Direttur ikun ta approvazzjoni minn qabel u tintwera xhieda tan-nefqa.

   Jekk f'ċerti ċirkustanzi n-nefqa ġhall-akkomodazzjoni tkun ta' aktar minn 60 % ta' l-*allowance* ta' kuljum ġhall-ħajja, l-Istitut jista' jirrifondi l-ammont li jkun inqabeż, parti minnu jew kollu, wara li jintwerew il-*vouchers* u provi suffiċjenti li n-nefqa addizzjonali ma setgħetx tiġi evitata. Il-ħlas lura ma jistax ikun aktar minn 30 % ta' l-*allowance* ta' kuljum ġhall-ħajja.

([1]) Dawn il-perjodi jingħaddu mid-data u l-ħin tat-tluq mill-Istitut jew id-dar tal-membru tal-persunal sad-data u l-ħin ta' meta jmur lura l-Istitut jew id-dar. Jekk il-membru tal-persunal ikun bil-*leave* qabel il-bidu tal-missjoni, id-data u l-ħin li ġhandhom jittieħdu jkunu dawk meta tibda l-missjoni, u jekk il-membru tal-persunal ikun bil-*leave* minnufih wara t-tmiem tal-missjoni, id-data u l-ħin li ġhandhom jittieħdu li jkunu dawk meta l-missjoni tkun intemmet.

ANNESS VIII

LEAVE TAL-MARD, *LEAVE* TAL-MATERNITÀ U *LEAVE* SPEĊJALI IEĦOR

1. **Min ikun assenti għal raġunijiet ta' saħħa u *leave* tal-mard**

(a) Membri tal-persunal li jkunu assenti għal raġuni ta' mard jew inċident għal aktar minn tlett ijiem konsekuttivi jkunu meħtieġa li jippreżentaw ċertifikat mediku fi żmien tlett ijiem minn meta jkunu waqfu mix-xogħol.

(b) Assenzi minħabba mard jew inċident li ma jdumux aktar minn tlett ijiem u li għalihom ma jintweriex ċertifikat mediku jistgħu, jekk ikunu aktar minn disat ijiem utli f'sena kalendarja waħda, jinvolvu tnaqqis relatat fil-*leave* annwali dovut tal-membru tal-persunal relatatat jew tnaqqis relatat fil-ħlasijiet tiegħu jekk ikun diġà ħa l-*leave* annwali tiegħu kollu.

(ċ) Membri tal-persunal li jkunu assenti minħabba mard jew inċident ikunu intitolati, wara li jippreżentaw ċertifikat mediku, għal *leave* tal-mard bi ħlas sħiħ u *allowances* għal perjodu massimu ta' tlettax-il ġimgħa konsekuttiva. Huma għandhom iħallsu lura lill-Istitut dik il-parti tal-benefiċċju tal-mard li għaliha jkunu intitolati, għall-istess perjodu, skond il-leġislazzjoni tas-sigurtà soċjali li tkun fis-seħħ fl-Istat li jkunu fih.

(d) Assenza kontinwa minħabba mard jew inċident għal aktar minn tlettax-il ġimgħa konsekuttiva tista' jitqies mid-Direttur bħala raġuni għat-tmiem tal-kuntratt.

(e) Rikorrenza frekwenti ta' perjodi qosra ta' mard jistgħu jitqiesu mid-Direttur bħala raġuni għat-tmiem tal-kuntratt.

(f) Id-Direttur ta' l-Istitut jista' f'kull ħin jitlob il-membru tal-persunal relatat biex jagħmel eżami mediku.

2. **Mard li jittieħed, vaċċinazzjoni u inċidenti**

(a) Kull membru tal-persunal li jieħdu mard infettiv għandu jkun assenti mis-servizz u jirrapporta ċ-ċirkustanzi minnufih lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal. Jekk jiġi rraportat mard li jittieħed fost il-familja jew ħbieb intimi ta' membru tal-persunal, dan ta' l-aħħar ikollu minnufih jgħarraf lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal u jkun konformi ma' dawk il-prekawzjonijiet sanitarji li jista' jippreskrivilu dak l-uffiċjal. Il-membri tal-persunal kollha li jkunu ġew f'kuntatt ma' persuna li tkun mardet bil-mard li jittieħed u jkunu bħala riżultat obbligati li jkunu assenti mis-servizz għandhom ikunu intitolati għal ħlasijiet kollha tagħhom; min ikun hekk assenti mgħandhomx jitnaqqsulu mid-dritt tiegħu la għal *leave* tal-mard u l-anqas tal-*leave* annwali.

(b) Membri tal-persunal għandhom joqogħdu għal kull vaċċin jew injezzjoni li jkun meħtieġ.

(ċ) L-inċidenti kollha lill-membri tal-persunal, sew jekk jiġru waqt ix-xogħol sew jekk barra mill-Istitut, żgħar kemm ikunu jidhru li jkunu żgħar fil-mument, għandhom jiġu rrapportati mill-membru tal-persunal lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal, flimkien ma' l-ismijiet u l-indirizzi tax-xhieda kollha.

3. ***Leave* speċjali u *Leave* tal-maternità**

(a) *Leave* speċjali bi ħlas sħiħ jew parzjali, li ma jkunx aktar minn għaxart ijiem utli kull sena, jew mingħajr ħlas jista' jingħata mid-Direttur għal raġunijiet eċċezzjonali jew privati urġenti.

(b) *Leave* speċjali ta' ħamest ijiem bi ħlas sħiħ għandu jingħata fl-okkażjoni taż-żwieġ ta' membru tal-persunal. Membri tal-persunal għandhom jingħataw *leave* simili mal-mewt tal-mara/raġel tagħhom, ta' dixxendent dirett jew ta' axxendent dirett.

(ċ) *Leave* tal-maternità fuq ħlas sħiħ, u mgħandux jitqies bħala *leave* tal-mard jew *leave* annwali, għandu jingħata lill-membri tal-persunal wara li juru ċ-ċertifikat mediku xieraq. *Leave* tal-maternità għandu jkun għal sittax-il ġimgħa, li jibdew sitt ġimgħat qabel id-data mistennija tat-twelid. Jekk it-twelid isir wara d-data mistennija, il-*leave* għandu jiġi estiż sa ma jgħaddu għaxar ġimgħat wara t-twelid.

Il-membri tal-persunal konċernati jkollhom iħallsu lura lill-Istitut dik il-parti ta' l-*allowance* tal-maternità li għaliha jkunu intitolati għall-istess perjodu skond is-sistema Franċiża tas-sigurtà soċjali.

ANNESS IX

KIF IKUNU KOMPOSTI U PROĊEDURI TA' BORDIJIET TA' DIXXIPLINA

1. **Kif ikun kompost il-Bord ta' Dixxiplina**

Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jikkonsisti minn:

(a) membru tal-persunal tal-grad A jew L nominat mid-Direttur, eskluż il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal jew il-persuna li għaliha l-membru tal-persunal ikun responsabbli, bħala president;

(b) membru tal-persunal nominat mid-Direttur;

(ċ) membru tal-persunal ta' l-istess grad bħall membru tal-persunal konċernat u nominat minnu;

(d) il-Kap ta' l-Amministrazzjoni u l-persunal, li jaġixxi bħala konsulent legali, mingħajr id-dritt tal-vot.

2. **Proċedura**

(a) Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jieħu nota tad-dokumenti kollha relevanti biex jikkonsidra l-każ. Għandu, jekk jitlob hekk, jisma' lill-parti interessata. Il-parti interessata tista' jkollha l-għajnuna ta', jew tkun rappreżentata minn, membru tal-persunal. Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jisma' wkoll kull persuna li tqis li jkun tajjeb li jsejjaħ.

(b) Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jaġixxi fil-privat. Il-membri tiegħu mgħandhom joħroġu l-ebda informazzjoni li jistgħu jsiru jafu biha matul il-proċeduri, jew ebda partikolaritajiet tal-proċeduri.

(ċ) Il-Bord ta' Dixxiplina għandu jagħti l-fehma raġunata tiegħu lid-Direttur. Dik il-fehma għandha tinkludi rakkomandazzjoni għal jekk sanzjoni tkunx xierqa, u jekk ikun hekk is-severita ta' dik is-sanzjoni.

ANNESS X

BORD TA' L-APPELL

A. **Ġurisdizzjoni**

Il-Bord ta' l-Appell għandu jkollu l-awtorità li jilħaq ftehim f'disputi li jinqalgħu minn ksur ta' dawn ir-Regolamenti jew tal-kuntratti li hemm provdut dwarhom fl-Artikolu 7. Għal din il-fini għandu jkollu ġurisdizzjoni rigward l-appelli miġjuba minn membri tal-persunal waqt il-kariga jew oħrajn li kienu, jew mill-werrieta jew kuraturi tagħhom, kontra deċiżjoni tad-Direttur.

B. **Kompożizzjoni u status**

(a) Il-Bord ta' l-Appell għandu jkun kompost minn president u żewġ membri. Dawn jistgħu jinbidlu mid-deputat tagħhom. Il-President jew wieħed mill-membri u wieħed mid-deputati tagħhom għandu jkollhom kwalifiki legali.

(b) Il-president, id-deputat tiegħu, il-membri u d-deputati tagħhom għandhom jinħatru mill-Bord ta' l-Istitut għal perjodu ta' sentejn, minn barra ill-persunal ta' l-Istitut. Jekk xi ħadd minnhom ma jkunx jista' f'xi żmien iservi, għandha ssir ħatra ġdida għal perjodu li ma jkunx skada.

(ċ) L-ebda laqgħa tal-Bord ta' l-Appell ma tkun skond l-ordni kemm-il darba ma jkunux preżenti l-president, jew id-deputat tiegħu, u żewġ membri, jew id-deputati tagħhom.

(d) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu totalment indipendenti fl-eżerċizzju ta' dmirijiethom.

(e) Il-ħlasijiet tal-president, membri u deputati għandhom ikunu stabbiliti mill-Bord ta' l-Istitut.

(f) Il-Bord ta' l-Appell għandu jistabbilixxi r-regoli tiegħu soġġetti għad-disposizzjonijiet ta' dan l-Anness.

Ċ. **Segretarjat**

(a) Is-Segretarju tal-Bord għandu jinħatar mid-maħtur mid-Direttur u għandu jkun membru tal-persunal ta' l-Istitut.

(b) Fit-twettiq ta' dmirijietu, is-Segretarju tal-Bord għandu jaġixxi bħala reġistratur u għandu jkun soġġett biss għall-awtorità tal-Bord.

D. **Appelli**

(a) Appelli mressqa quddiem il-Bord għandhom jiġu aċċettati biss jekk min iressaq l-appell ikun naqas milli jikseb sodisfazzjoni permezz ta' l-appell amministrattiv intern lid-Direttur.

(b) Min iressaq l-appell għandu jkollu perjodu ta' għoxrin jum min-notifika tad-deċiżjoni li jkun ilmenta dwarha jew id-data li jkun ġie rifjutat fiha dak li jkun instab mill-medjatur li fiha għandu jibgħat talba bil-miktub li din id-deċiżjoni tkun irtirata jew modifikata mill-Bord ta' l-Appell. Dik it-talba għandha tkun indirizzata lill-Kap ta' l-Amministrazzjoni u Persunal ta' l-Istitut, li għandu jagħti rċevuta tagħha u jibda proċedura biex ilaqqa' l-Bord.

(ċ) Appelli għandhom jiġu ppreżentati lis-Segretarjat tal-Bord ta' l-Appelli fi żmien xahrejn mid-data ta' notifika tad-deċiżjoni li jkunu lmentaw dwarha. Minkejja dan, f'każi eċċezzjonali, partikolarment fejn jirrigwarda pensjonijiet, il-Bord ta' l-Appell jista' jippermetti li jiġu ppreżentati appelli fi żmien sena mid-dasta ta' notifika tad-deċiżjoni li jkun ilmenta dwarha.

(d) L-appelli għandhom isiru bil-miktub; għandhom jiddikjaraw ir-raġunijiet kollha għall-appell imressqa mill-appellant u d-dokumenti li jsostnu x-xhieda għandhom jiġu ppreżentati fl-istess ħin.

(e) Appelli m'għandhomx iwaqqfu l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet li jkunu lmentaw dwarhom.

E. **Proċedura preliminarja**

(a) Appelli għandhom jintbagħtu minnufih lid-Direttur, li għandu jagħmel il-kummenti tiegħu dwarhom bil-miktub. Kopja ta' dawn il-kummenti għandha, fi żmien xahar mid-data li fija jiġi ppreżentat l-appell, tintbagħat lis-Segretarju tal-Bord, u lill-appellant, li fi żmien għoxrin jum jista' jagħmel risposta bil-miktub, li kopja tagħha għandha tintbagħat minnufih lid-Direttur mis-Segretarju tal-Bord.

(b) Appelli, flimkien mal-memoranda u x-xhieda dokumentata li jsostnuhom, li l-kummenti tad-Direttur u t-tweġiba ta' l-appellant, jekk ikun hemm, ghandhom jintbagħtu lill-mebri tal-Bord mis-Segretarjat tiegħu fi żmien tliet xhur minn meta jiġi ppreżentat l-appell u ta' l-anqas ħmistax-il jum qabel id-data tal-laqgħa li fiha għandhom jiġu kkunsidrati.

F. **Meta jitlaqqa' l-Bord**

Il-Bord ta' l-Appelli għandu jitlaqqa' mil-president. Fil-prinċipju għandu jikkonsidra appelli li jkunu ntbagħtulu fi żmien erba' xhur mid-data li fiha jkunu ġew ippreżentati.

G. **Laqgħat tal-Bord**

(a) Il-laqgħat tal-Bord ta' l-Appelli għandhom isiru fil-privat (kemm-il darba l-Bord ma jiddeċidix mod ieħor). Il-Bord għandu jiddelibera b'mod sigriet.

(b) Id-Direttur jew ir-rappreżentant tiegħu, flimkien ma' l-appellant, għandu jattendi l-proċedimenti u jista' jagħmel dikjarazzjonijiet verbali bħala konferma tar-raġunijiet ippreżentati fil-memoranda tagħhom.

(ċ) Il-Bord jista' jirrikjedi l-preżentazzjoni ta' kull dokument li jqis bħala meħtieġ għall-konsiderazzjoni ta' l-appell quddiemu. Dokumenti ppreżentati b'dan il-mod ikollhom jintwerew lid-Direttur u lill-appellant.

(d) Il-Bord għandu jisma' lill-partijiet u dawn ix-xhieda hekk kif iqis li jista' jneħħi kif meħtieġ mill-proċedimenti. Kull membri tal-persunal imsejjaħ bħala xhud ikollu jidher quddiem il-Bord u ma jistax jirrifjuta li jagħti l-informazzjoni meħtieġa.

(e) Persuni li jattendu laqgħa tal-Bord mgħandhom fl-ebda każ jiżvelaw l-ebda fatti li jinnotaw jew fehmiet murija matul il-proċedimenti.

H. **Deċiżjonijiet tal-Bord**

(a) F'ċirkostanzi eċċezzjonali, il-Bord jista' jagħmel ordni temporanju li jwaqqaf l-eżekuzzjoni tal-miżura li jkunu lmentaw dwarha, waqt l-istennija ta' deċiżjoni finali skond il-paragrafi li ġejjin.

(b) Deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'vot ta' maġġoranza. Għandhom isiru bil-miktub u jkollhom jiddikjaraw ir-raġunijiet li fuqhom ikunu bbażati. Mgħandux ikun hemm appell minnhom, u għandhom jidħlu fis-seħħ għaż-żewġ partijiet fi żmien jum eżatt minn meta jiġu notifikati.

(ċ) Il-Bord jista', b'danakollu, jintalab li jsewwi żball klerikali jew aċċidentali f'deċiżjoni mogħtija. Talbiet għal tiswijiet ta' żbalji għandhom jintbagħtu fi żmien sitt xhur mid-data meta jkun innotat l-iżball.